# II. X'TGHIDILNA L-KNISJA ?

## (A) Il-Knisja temmen fix-xitan ?

a. **Missirijiet il-Knisja**

Tajna harsa kemm xejn twila lejn il-Kelma ta' Alla li turina l-verità dwar l-ezistenza ta' Satana u l-angli tieghu. Minkejja li t-taghlim fuq din ir-rejaltà jidher car, l-ewwel insara kellhom hafna dubbji fuq diversi idejat marbutin max-xitan, fosthom ma' l-ideja li x-xitan kien anglu ribelli ghal Alla.

Fost il-mistoqsijiet li bdew isaqsu nsibu: x'inhi n-natura tax-xitan? Meta fil-fatt hadha kontra Alla? X'tip ta' ribelljoni seta' jwettaq ix-xitan? Dineb bis-suppervja, bil-ghira jew bil-lussurja? Jekk dineb bil-ghira, ghal min ghir, ghal Alla jew ghall-bnedmin? Fejn jinsab issa x-xitan? X'qawwa ghandu x-xitan kontra l-bnedmin? Ix-xitan jista' jsalva xi darba?

Dawn il-mistoqsijiet u ohrajn ikkarratterizzaw l-ewwel perjodu tal-Knisja u taw okkazjoni ghal diskussjonijiet twal u ghal twegibiet moghtija minn dawk li nsejhulhom Missirijiet il-Knisja. Dawn kienu persuni u mexxejja ta' l-ewwl Knisja li ffurmaw ftit ftit id-duttrina tal-Knisja.

Klement I kiteb Ittra lill-Knisja ta' Korintu fejn juri li x-xitan huwa esseri haj, jahdem u huwa l-kawza tan-nuqqas ta' ghaqda, tad-dnub u tad-decizjonijiet li kellha l-Knisja ta' Korintu.

Injazju ta' Antjokja kiteb diversi ittri lill-komunitajiet insara. Anke hu jitkellem mix-xitan bhala dak li jqanqal il-firda u l-ereziji u jaqsam il-komunità nisranija. Injazju jissuggerixxi anke sistema ta' difiza mill-qerq tax-xitan: l-isforz biex kull komunità nisranija tghix fis-sliem, fl-imhabba u fil-ferh. Ix-xitan fil-fatt huwa dak li jgarrab u jipprova jfixkel il-missjoni tal-fidwa ta' Gesù Kristu, fidwa li tidher wkoll filli wiehed ikun membru shih tal-komunità nisranija, tal-Knisja.

Niftakru wkoll li Injazju ta' Antijokja kellu xewqa kbira li jmut martri u jxerred demmu ghal Kristu; hu stess ihoss it-tigrib tax-xitan li jgarrablu din ix-xewqa u jipprova jdghajjfu fl-istess fidi tieghu. Ghal Injazju, ix-xitan huwa esseri rejali u personali, distint mid-dnub/mill-hazen.

Gustinu ghex fl-ewwel nofs tat-tieni seklu. Iddefenda hafna t-taghlim ta' l-insara u fuq ix-xitan kiteb hafna. Gustinu jistqarrr li x-xitan gie mahluq minn Alla: huwa mela hlejqa sottomessa ghal Alla. Ix-xitan hadha kontra Alla permezz tas-suppervja u mieghu kaxkar angli ohra. Gustinu jitkellem

mela minn battalja kozmika bejn l-insara u l-ispirti l-hziena, kontra x-xjaten li jghiru ghad-dinjità ta' wlied adottivi ta' Alla. Gustinu jistqarr li l-uniku progett tax-xitan jikkonsisti filli jfixkel il-hidma ta' Kristu; l-arma tieghu hi f'li jipprezenta ruhu bhala alla. Ghal Gustinu ix-xitan huwa prezenti fl-idoli u fl-idolatrija. Il-qawwa ta' Kristu fuq Satana hi qawwa superjuri, hi qawwa rebbieha; ix-xitan però jibqa' attiv, b'permess ta' Alla sat-tieni migja ta' Kristu, meta jidher fit-telfa shiha tieghu. Ghal Gustinu x-xitan ma jsalvax.

Tertulljanu (170-220) jinsisti li l-holqien kollu huwa tajjeb. Fil-bidu, mela anke x-xitan kien tajjeb; permezz ta' l-ghira hadha kontra Alla u sar esseri ribelli u hazin. Ghalhekk Tertulljanu jistqarr li b'hekk ix-xitan sar il-princep ta' din id-dinja, kontra s-saltna ta' Alla. Ix-xitan igarrab u jittanta lill-bniedem ghad-dnub, dnub li l-bniedem jaghmel però bhala frott ir-rieda hielsa tieghu. Il-frott tad-dnub hija s-sofferenza u d-dwejjaq - id-dnub ihassar it-tjubija tal-holqien.

Ghal Tertulljanu, l-insara jistghu jorbtu t-tigrib tax-xitan bil-qawwa ta' l-isem ta' Gesù, tas-sinjal tas-salib u fuq kollox bl-isforz shih li jghixu l-maghmudija taghhom, li permezz taghhom jichdu lix-xitan , l-idolatrija u d-dnub.

Santu Wistin (354-430) rabat il-problema tal-'Hazin' mar-rieda hielsa tal-bniedem fis-sens li x-xitan igarrab lill-bniedem, imma d-dnub huwa dejjem frott ir-rieda hielsa tal-bniedem. Ix-xitan, esseri li gie mahluq tajjeb, hadha kontra Alla permezz tas-suppervja: habb aktar lilu nnifsu milli habb lil Alla; ried ikun hu stess l-ghajn tal-glorja proprja tieghu. Bis-suppervja tax-xitan id-dnub sab l-ghajn tieghu, ghaliex Santu Wistin zamm li s-suppervja hi l-ghajn ta' kull dnub, id-dnub iwassal ghall-invidja u l-ghira. Moghni b'dawn iz-zewg vizzji, ix-xitan intbaghat l-infern.

Ghal Santu Wistin, il-hazen morali, id-dnub, hu dejjem ghazla tal-bniedem, anke jekk f'dan it-tigrib ix-xitan ghandu l-parti tieghu. Ix-xitan però ma jista' jisforza lil hadd ghad-dnub.

## b. **Matul l-istorja**

Matul l-elfejn sena ta' l-istorja taghha, il-Knisja baqghet tghaddi minn generazzjoni ghall-ohra t-taghlim ta' Gesù, anke dak li ghandu x'jaqsam mad-demonologija.

Il-Koncilji tal-Knisja stqarrew il-fidi ta' l-insara kollha anke rigward il-verità li *Gesù gie fid-dinja biex jeqred l-opra tax-xitan.* Niftakru fl-ewwel Koncilju ta' Braga (551-561), ir-Raba' Koncilju tal-Lateran (1215), il-Koncilju ta' Firenze (1431-1447), il-Koncilju ta' Trentu (1545-1563) u sahansitra il-Koncilju Vatikan it-Tieni (1962-1966).

Il-Koncilju ta' Braga hadha kontra l-idejat tal-Manikej, li kienu jemmnu li t-Tajjeb u l-Hazin huma zewg principji kontra xulxin; mela Alla u x-Xitan huma zewg qawwiet kontra xulxin. Il-Koncilju insista li Alla biss hu etern, hallieq, u x-xitan huwa wkoll hlejqa ta' Alla, li hadha kontrih.

L-istess zball tal-Manikej jigi diskuss fil-Koncilju Lateran IV. Il-Koncilju jistqarr: 'Ahna nemmnu fil-Hallieq li halaq l-angli u d-dinja, ir-rejaltajiet spiritwali u korporali, il-bniedem shih, spirtu u gisem. Ix-xitan u l-ispirti l-hziena gew mahluqa tajbin : saru hziena frott ir-rieda taghhom.'

F'dan id-dawl l-Isqof Ewsejbu minn Vercelli jehodha kontra l-movimenti satanici taz-zmien li kienu qed jaghmlu mix-xitan alla, alla kapaci li jahlaq!

Il-Koncilju Vatikan it-tieni tkellem tmintax-il darba mix-xitan. Hawn ftit ezempji (ara: *Id-Dokumenti tal-Koncilju Ekumeniku Vatikan II*, Edizzjoni Studia 1982).

Naqraw fid-dokument fuq il-Liturgija *Sacrosanctum Concilium* numru 6 : 'Ghalhekk bhalma Kristu ntbaghat mill-Missier, hekk ukoll huwa baghat lill-Appostli mimlijin bl-Ispirtu s-Santu mhux biss waqt li jxandru l-Evangelju lill-holqien kollu (Mark16,15) jhabbru li l-Iben ta' Alla bil-mewt u l-qawmien tieghu helisna mis-setgha tax-xitan (Atti 26,18) u mill-mewt u dahhalna fis-saltna tal-Missier, izda wkoll biex din l-opra tal-Fidwa li habbru jwettquha bis-sagrificcju u s-Sagramenti li madwarhom tinbena l-hajja liturgika kollha.'

Fid-dokument fuq il-Knisja, *Lumen Gentium*, insibu fin-numru 16: 'Izda ta' spiss il-bnedmin, imqarrqin mill-Hazin, jintilfu fir-ragunamenti taghhom, jibdlu l-verità ta' Alla mal-gidba u jservu lill-hlejjaq aktar mill-Hallieq (Rumani 1,21-25); jew inkella jghixu u jmutu minghajr alla f'din id-dinja u hekk jisponu ruhhom ghall-aghar disperazzjoni.'

Hawnhekk il-Koncilju kien qed jitkellem fuq il-verità li Alla jrid li kulhadd isalva u inqeda b'kull haga tajba, anke b'religjonijiet ohra biex idawwal il-kuxjenza taghhom.

Fin-numru 35, fejn il-Koncilju jitkellem fuq l-insara li huma wkoll sinjal ta' prezenza ta' Kristu fid-dinja, insibu: 'L-insara jkunu qeghdin juru rwiehhom bhala wlied il-weghda jekk, qawwijin fil-fidi u fit-tama, jinqdew tajjeb mill-hin ta' issa (Efesin 5,16; Kolossin 4,5) u jistennew bis-sabar il-glorja li ghad trid tigi (ara Rumani 8,25).'

'Din it-tama m'ghandhomx jahbuha f'qalbhom, izda b'konverzjoni kontinwa u b'taqbida kontra l-princpijiet ta' din id-dinja ta' dlamijiet, kontra l-ispirti l-hziena (Efesin 6,12) ghandhom ifissruha fl-istrutturi tal-hajja sekulari.'

Fid-dokument fuq il-hidma missjunarja tal-Knisja, *Ad Gentes*, fin-numru 3 insibu: ‘Alla, biex iwaqqaf il-paci, l-ghaqda bejnu u l-bnedmin, u biex isawwar ghaqda ta’ l-ahwa bejn il-bnedmin kollha - bnedmin li huma midinbin - ried jidhol b’mod gdid u definittiv fil-grajja tal-bnedmin. Dan ghamlu billi baghat lil Ibnu b’gisem bhal taghna biex permezz tieghu jehles lill-bnedmin mill-hakma tad-dlam u tax-xitan (Kolossin 1,13; Atti 10,38) u fih jerga’ jhabbeb il-hoqien mieghu nnifsu (2 Korintin 5,19).’

Fin-numru 2 tad-dokument fuq il-Knisja fid-dinja tallum, *Gaudium et Spes*, insibu: ‘Il-Koncilju ghandu ghalhekk quddiemu d-dinja tal-bnedmin fil-kuntest tac-cirkustanzi kollha li fihom huma jghixu ....dinja li l-insara jemmnu li hi mahluqa u mizmuma mill-imhabba ta’ Dak li halaqha izda li qieghda certament taht il-jasar tad-dnub; imma Kristu, li kien imsallab u qam mill-mewt, helisha mit-telfien tal-Hazin u ddestinaha skond il-hsieb ta’ Alla biex titbiddel u tasal ghall-kompiment taghha .’

Fin-numru 13 naqraw: ‘Il-bniedem, ghad li minn Alla tqieghed fi stat ta’ qdusija, ittantat mill-Hazin sa mill-bidu ta’ l-istorja, abbuza mill-libertà tieghu billi qam kontra Alla u xtaq li jilhaq il-fini tieghu barra minn Alla. Il-bnedmin, ghad li kienu gharfu ‘l Alla, ma tawhx il-gieh li jisthoqqlu bhala Alla, il-qalb belha taghhom bhal iddallmet u ghazlu li jaqdu l-hlejjaq mahluqa izjed milli dak li halaqhom.’

‘Hekk il-bniedem jinsab maqsum fih innifsu. Ghalhekk il-hajja kollha tal-bnedmin, sew wiehed wiehed sew ilkoll flimkien, turi ruhha bhala glieda - u wahda drammatika - bejn dak li hu tajjeb u dak li hu hazin, bejn id-dawl u d-dlam. Anzi l-bniedem m’ghandux hila jeghleb sewwa bil-qawwa tieghu nnifsu l-assalti tal-hazen, u hekk kulhadd ihoss ruhu qisu marbut bi ktajjen. Imma l-Mulej stess gie biex jehles il-bniedem u jqawwwih billi jgeddu minn qawwa u jkecci ‘l-barra l-princep ta’ din id-dinja’ (Gwann 12,31) li kien izommu lsir tad-dnub.’

Nhar id-29 ta’ Gunju 1972, il-Papa Pawlu VI ghamel diskors li permezz tieghu insista fuq ir-rejaltà tax-xitan: ‘Ahna nemmnu f’ xi haga preternaturali - ix-xitan li qieghed fid-dinja biex ihassar il-frott tal-Koncilju u biex itellef il-ferh tal-Knisja.’

Erba’ xhur wara, l-istess Papa tkellem bic-car fuq ix-xitan fid-diskors tieghu ‘Ehlisna mid-Deni.’

‘Il-hazin .... hu anke esseri haj, spiritwali, pervers u pervertitur. Rejaltà terribli, misterjuza u tal-biza. Min ma jemminx dan johrog mit-taghlim bibliku u ekklezjastiku; u dan nghidu ghal min jahseb li l-Hazin hu principju ghalih nnifsu jew sahansitra ghal minn jahseb li l-Hazin huwa biss pseudo rejaltà, personifikazzjoni ta’ hsieb jew biss frott il-mohh....’

Nhar it-23 ta' Frar 1977 il-Papa rega' tenna r-rejaltà tal-Hazin: 'Ma nistghagbux li s-socjetà taghna tbaxxi l-livell ta' l-umanità awtentika taghha permezz ta' l-indifferenza u l-insensibilità quddiem id-differenza bejn it-tajjeb u l-hazin.... l-Iskrittura twissina wkoll li d-dinja hi wkoll taht is-setgha tal-hazin (1 Gwann 5,19).'

Il-Papa Gwanni Pawlu II tkellem wkoll fuq ir-rejaltà tax-xitan. Tliet ezempji huma bizzejjed biex nifhmu kif il-Papa jesprimi il-fidi tal-Knisja.

Nhar il-31 ta' Marzu 1985, fl-Ittra Apostolika *Parati semper,* Gwanni Pawlu II kiteb: 'Ma rridux nibzghu li nsejjhu b'ismu l-ewwel ghajn tal-hazen: il-Hazin. It-tattika li juza hija li jimmanifesta ruhu, biex il-hazin mizrugh minnu, jigi zviluppat mill-bniedem, mis-sistemi u mir-relazzjonijiet interumani ...... biex isir aktar dnub 'strutturali' u ma jitqiesx aktar dnub 'personali'. Hekk biex il-bniedem ihossu hieles mid-dnub, anke jekk fir-rejaltà ikun mgharraf fih.'

Ix-Xitan jissemma ukoll fl-Enciklika fuq l-Ispirtu S-Santu, *Dominum et Vivificantem*, tat-18 ta' Mejju 1985. Fin-numru 38 naqraw: 'Minkejja x-xhieda tal-holqien kollu u tal-pjan tal-fidwa, l-ispirtu tad-dlamijiet (Efesin 6,12; Luqa 22,53) hu kapaci jgiddeb u juri lil Alla bhala ghadu tal-bniedem, bhala ghajn tal-biza ghall-istess bniedem. Satana jizra' fil-psikologija tal-bniedem iz-zerriegha tal-mibgheda lejn Dak, li fil-fatt hu Missier. Il-bniedem jigi sfidat biex isir ghadu ta' Alla, jigi sfidat biex ihares lejn Alla bhala dak li johnoqlu l-libertà u mhux bhala Dak li huwa l-istess ghajn tal-helsien u tat-tajjeb. Bhall-idejologiji ta' zmienna li jipprezentaw il-bnedmin li jilqghu lil Alla bhala bnedmin li tilfu l-umanità taghhom!'

Nhar it-13 ta' Awissu 1986, Gwanni Pawlu II ghamel diskors fuq 'Il-waqgha ta' l-angli ribelli': 'l-influss ta' l-ispirtu hazin jista' jinheba b'mod tassew profond u effikaci: l-ispirtu hazin ghandu interess li jigi injorat. L-abilità ta' Satana fid-dinja hi li jwassal il-bnedmin jinnegaw l-ezistenza tieghu f'isem ir-razzjonalizmu u f'isem kwalunkwe kurrent ta' hsieb li jsibu kull mezz biex jinnegaw il-hidma tieghu. Dan ma jfissirx li qed neliminaw ir-rieda hielsa tal-bniedem u r-responsabilità tieghu u lanqas qed inwarrbu l-effetti ta' l-ghemil salvifiku ta' Kristu. In-nisrani jitlob lill-Missier bl-Ispirtu ta' Gesù: la ddahhalniex fit-tigrib, ehlisna mid-Deni, mill-Hazin. Aghmel Mulej li ma naqghux fl-infedeltà li ghaliha jgarrabna dak li kien infidil sa mill-bidu.

c. **Il-Katekizmu tal-Knisja Kattolika** jigbor f'sintezi dan it-taghlim bibliku u ekklezjali. (*Il-Katekizmu tal-Knisja Kattolika*, Arcidjocesi ta' Malta, 1993) Insibu dan per ezempju fin-numri 391-395 :

‘L-ghazla ta’ dizubbidjenza li ghamlu l-ewwel ġenituri tagħna kellha warajha leħen qarrieq kontra Alla (ara Genesi 3,4-5) li, għall-għira, waqqagħhom fil-mewt (ara Għerf 2,24). L-Iskrittura u t-Tradizzjoni tal-Knisja f’dan il-leħen jaraw leħen ta’ anġlu li waqa’, imsejjaħ ix-Xitan jew demonju (ara Gwanni 8,44; Apokalissi 12,9). Il-Knisja tgħallem li dan qabel kien anġlu tajjeb, maħluq minn Alla. Ix-xitan u x-xjaten l-oħra ġew maħluqin minn Alla tajbin fin-natura tagħhom, iżda kienu huma stess li saru ħżiena’.

‘L-Iskrittura titkellem dwar dnub ta’ l-anġli (ara 2 Pietru 3,4). Din il-waqgħa kienet għażla ħielsa ta’ dawn l-ispirti maħluqa li ċaħdu ‘l Alla u s-Saltna tiegħu b’mod radikali u b’mod li ma setgħux jerġgħu lura minnu. Insibu rifless ta’ dan l-irvell kontra Alla fil-kliem ta’ dak li ġarrab lill-ewwel ġenituri tagħna: *issiru bħal Alla* (Genesi 3,5). Ix-xitan *dineb sa mill-bidu* (1 Gwann 3,8), hu *missier il-gideb* (Gwann 8,44).’

‘Id-dnub ta’ l-anġli ma jistax jinħafer, mhux minħabba xi nuqqas tal-ħniena bla qjies ta’ Alla, imma għaliex l-għażla tagħhom saret b’mod li ma setgħux jerġgħu lura minnha. Ma hemmx sogħba għalihom wara l-waqgħa, kif ma hemmx sogħba għall-bnedmin wara l-mewt.’

‘L-Iskrittura tixhdilna x’influwenza ħażina għandu dak li Ġesù sejjaħlu *qattiel sa mill-bidu* (Gwann 8,44) u li pprova wkoll idawwar lil Ġesù mill-missjoni li fdalu l-Missier (ara Mattew 4,11). *Kien għalhekk li deher l-Iben ta’ Alla, biex iħott kull ma għamel ix-xitan* (1 Gwann 3,8). Minn kull ma għamel ix-xitan, minħabba l-konsegwenzi li ġieb, l-agħar kien il-qerq giddieb li bih wassal lill-bniedem biex jikser l-ordni ta’ Alla.’

‘Iżda l-qawwa tax-xitan m’hijiex bla qjies. Hu biss ħlejqa, setgħani għax spirtu pur, imma dejjem ħlejqa: ma jistax iwaqqaf il-bini tas-Saltna ta’ Alla. Jagħmel x’jagħmel ix-xitan fid-dinja b’mibegħda għal Alla u għas-Saltna tiegħu fi Kristu, u kbar kemm huma kbar il-ħsarat li tagħmel il-ħidma tiegħu - ħsarat ta’ natura spiritwali u, indirettament, ta’ natura fiżika wkoll - lil kull bniedem u lis-soċjetà, il-ħidma tiegħu tippermettiha l-Providenza ta’ Alla, li bil-qawwa u bil-ħlewwa tmexxi l-istorja tal-bniedem u tad-dinja. Hu misteru kbir li Alla jippermetti l-ħidma tax-xitan, iżda *aħna nafu li Alla, ma’ dawk li jħobbuh, f’kollox jaħdem id f’id għall-ġid tagħhom* (Rum 8,28).’

Fin-numru 538 l-istess il-Katekiżmu juri s-sens profond tat-tiġrib ta’ Ġesù fid-deżert: hi rebħa fuq ix-xitan, rebħa vera u dejjiema.

‘L-Evanġelji jitkellmu dwar żmien li fih Ġesù kien jitkellem waħdu fid-deżert, minnufih wara li tgħammed minn Gwanni. *Imbuttat mill-Ispirtu* fid-deżert, dam erbgħin jum sajjem; għex mal-bhejjem selvaġġi u kienu jaqduh l-anġli (ara: Mark 1,12-13). Meta għadda dan iż-żmien ix-xitan ġarrbu tliet darbiet biex jipprova jibdillu l-imġiba finali tiegħu lejn il-

Missier: Gesù jbieghed minnu dan it-tigrib li kien jigbor fih it-tigrib ta' Adam fil-genna u ta' Izrael fid-dezert, u x-xitan telaq minn hdejh, sa ma jasal il-waqt (Luqa 4,13).

L-Evangelisti juruna x'kien it-tifsir ghas-salvazzjoni ta' dan il-fatt misterjuz. Gesù hu Adam il-gdid, li baqa' fidil fejn l-ewwel Adam kien ceda ghat-tentazzjoni: Gesù wassal ghall-perfezzjoni shiha l-vokazzjoni ta' Izrael: kontra l-imgiba ta' dawk li garrbu 'l Alla ghal erbghin sena fid-dezert (ara: Salm 95,10), Kristu juri ruhu bhala l-Qaddej ta' Alla li jobdi f'kollox ir-rieda ta' Alla. F'dan, Gesù jirbah lix-xitan: rabat 'il wiehed qawwi biex jehodlu l-priza (Mark 3,27). Ir-rebha ta' Gesù fuq ix-xitan fid-dezert hi thabbira tar-rebha tal-passjoni, l-oghla att ta' ubbidjenza ta' l-imhabba tieghu ta' Iben ghall-Missier.'

'It-tigrib ta' Gesù juri l-mod kif l-Iben ta' Alla hu l-Messija, kontra dak li ssuggerielu x-xitan u li n-nies (ara: Mattew 16,21-23) xtaquh li jkun. Hu ghalhekk li Kristu rebah ix-xitan ghalina. *Ghax ahna ma ghandniex qassis il-kbir li ma jistax jaghder id-dghufija taghna, imma ghandna wiehed li kien imgarrab bhalna f'kollox, minbarra d-dnub* (Lhud 4,15). Il-Knisja kull sena, bl-erbghin jum tar-Randan, tinghaqad mal-misteru ta' Gesù fid-dezert.'

Fin-numru 550, il-Katekizmu juri kif il-migja tas-Saltna ta' Alla hi fil-fatt l-qerda tas-saltna tax-xitan.

'Il-migja tas-Saltna ta' Alla hi l-qerda tas-Saltna tax-xitan (ara: Mattew 12,26): *Jekk jiena qieghed inkecci x-xjaten bl-Ispirtu ta' Alla, dan ifisser li waslitilkom is-Saltna ta' Alla* (Mattew 12,28). L-ezorcizmi ta' Gesù kienu jehilsu lill-bnedmin mis-setgha tax-xitan (ara: Luqa 8,26-39). Janticipaw ir-rebha kbira ta' Gesù fuq il-'princep ta' din id-dinja' (Gwann 12,31). Hu bis-salib ta' Kristu li s-saltna ta' Alla titwaqqaf darba ghal dejjem: Alla saltan minn fuq l-ghuda tas-salib.'

Fin-numru 1237, il-Katekizmu jfakkar li l-Maghmudija hi helsien mid-dnub u mix-xitan:

'Ghaliex il-Mghamudija hi helsien mid-dnub u mix-xitan li jhajjar ghad-dnub, fic-celebrazzjonijiet tal-Maghmudija jinghad ezorcizmu jew aktar minn ezorcizmu wiehed fuq il-kandidat ghas-sagrament. Dan jindilek biz-zejt tal-katekumeni jew inkella c-celebrant iqieghed idu fuqu, u hu jichad esplicitament ix-xitan. Imhejji b'dan il-mod, jista' jistqarr il-fidi tal-Knisja li lilha se jigi fdat permezz tal-Maghmudija (ara: Rumani 6,17).'

In-numru 1673 imbaghad jitkellem mix-xitan f'dak li ghandu x'jaqsam mat-talba ta' l-ezorcizmu:

'Meta l-Knisja titlob pubblikament u b'awtorità, f'isem Gesù Kristu, biex xi persuna jew xi haga tigi mharsa mit-theddid tal-Hazin jew tigi

mwarrba minn taht is-setgha tieghu, dan jissejjah ezorcizmu. Kristu dan ghamlu (ara: Mark 1,25s), u minn ghandu l-Knisja rceviet is-setgha u d-dmir li tezorcizza (ara: Mark 3,15; 6,7.13; 16,17). F'sura semplici l-ezorcizmu dejjem isir waqt ic-celebrazzjoni tal-maghmudija. L-ezorcizmu solenni, jew l-ezorcizmu l-kbir, jista' jsir biss minn sacerdot u bil-permess ta' l-isqof. Wiehed irid juza l-ghaqal kollu u jhares bir-reqqa kollha r-regoli li ghamlet il-Knisja. L-ghan ta' l-ezercizmu hu li jkecci x-xjaten jew jehles minn taht is-setgha tax-xitan u dan bis-sahha ta' l-awtorità spiritwali li Gesù ried jafda lill-Knisja tieghu. Il-mard, l-aktar dak tal-mohh (psikiku), hu haga ghal kollox differenti li tinteressa x-xjenza medika. Hu ghalhekk importanti hafna, qabel ma wiehed jiccelebra ezorcizmu, li jkun zgur dwar il-prezenza tal-Hazin u mhux li jkun xi kaz ta' mard.'

U galadarba qed insemmu l-Katekizmu, tajjeb li ngibu n-numri 2113-2117 li jitkellmu mill-idolatrija, it-tehbir u s-seher, affarijiet li fuqhom nitkellmu fit-tul fil-Kapitlu li jmiss.

'L-ewwel kmandament jikkundanna l-politeizmu. L-ewwel kmandament jitlob li l-bniedem ma jemminx f'allat ohra imma f' Alla biss, ma jridx li tinghata qima lil allat ohra imma tinghata biss lil Alla wiehed wahdu. L-Iskrittura spiss tfakkar li ghandna nwarrbu *l-allat tad-deheb u l-fidda, xoghol ta' idejn il-bniedem, allat li ghandhom il-fomm u ma jitkellmux, ghandhom il-ghajnejn u ma jarawx ...* Dawn l-allat fiergha jaghmluna fiergha: *Bhalhom ikunu dawk li jghamluhom, u dawk kollha li jittamaw fihom* (Salm 115, 4-5.8; ara Izaija 44,9-20; Geremija 10,1-16; Danjel 14,1-30; Baruk.6; Gherf 13,1-15.19). Alla, ghall-kuntrarju hu *Alla l-haj* (Gozwè 2,10; Salm 43,3 u l-bqija) li jaghti l-hajja u jidhol fil-grajja tal-bniedem.'

L-idolatrija m'hijiex biss il-qima qarrieqa tal-paganezmu. L-idolatrija hi dejjem tentazzjoni kontra l-fidi, ghax twassal biex naghmlu alla dak li m'huwiex Alla. Hi idolatrija meta l-bniedem flok lil Alla jaghti gieh u qima lil xi haga mahluqa, li tista' tkun xi alla falz jew ix-xitan (is-satanizmu) jew xi setgha, jew xi pjacir, jew ir-razza, jew l-antenati, jew l-Istat, jew il-flus, u l-bqija. *Ma tistghux taqdu lil Alla u lill-flus* (Mattew 6,24). Kotra kbira ta' martri mietu biex ma jaghtux qima lill-*Bhima* (ara: Apokalissi 13-14) jew jaghmlu ta' birruhhom li qed iqimuha. L-idolatrija tichad is-Setgha Wahdanija ta' Alla; ghalhekk min iqim allat ohra ma jistax fl-istess hin ikun f'ghaqda ma' Alla (ara: Galatin 5,20; Efesin 5,5).'

'Il-hajja tal-bniedem issib is-shuhija taghha fl-adorazzjoni ta' Alla wiehed wahdu. Il-kmandament ta' l-adorazzjoni tal-Mulej wahdu twassal il-bniedem biex ikun maghqud fih innifsu bi hsieb wiehed biss u hieles milli joqghod ixerred hsibijietu biex jara lil min se jqim. L-idolatrija hi tghawwig

tas-sentiment religjuz li jinsab fil-fond tal-qalb tal-bniedem. Il-bniedem ghandu fil-fond ta' qalbu fehma ta' Alla, li ma tista' tithassar qatt. Min iqim l-allat foloz ikun qieghed jaghti din il-fehma li ghandu ta' Alla lil kull minn ifettillu, ikun xi jkun jew ikun min ikun.'

'Alla seta' jirrivela l-gejjieni lill-profeti jew lil xi qaddisin ohra. Izda l-qaghda nisranija vera hi dik li wiehed jafda fih nnifsu b'fiducja shiha f'idejn il-Providenza ta' Alla f'dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-gejjieni u jhalli fil-genb kull kurzità fiergha dwar dak li ghad jista' jigri. In-nuqqas ta' hsieb ghall-gejjieni jista' jkun nuqqas ta' responsabiltà.'

'Is-suriet kollha tat-tehbir ghandhom jigu mwarrba: titlob l-ghajnuna tax-Xitan jew ta' xjaten ohrajn, issejjah il-mejtin jew taghmel kull sura ta' ghemil iehor li bih tista' tikxef il-gejjieni (ara: Dewteronomju 18,10; Geremija 29,8); tistharreg il-gejjieni permezz ta' oroskopju, ta' l-astrologija, tal-kiromanzija, tara f'xi fatti thabbir ta' dak li se jigri jew taqra x-xorti ta' xi hadd, tinqeda b'dawk li jippretendu li jaraw car dak li hu 'l boghod fiz-zmien u fl-imkien, titlob l-ghajnuna ta' dawk li jippretendu li huma mezz biex issiru s-sharijiet jew biex tkellem il-mejtin: dan l-ghemil kollu juri li wiehed irid jahkem iz-zmien, l-istorja, u fl-ahhar l-istess bnedmin u fl-istess hin juri x-xewqa li jhabbeb mieghu setghat mohbija. Dan kollu jmur kontra l-gieh u r-rispett li ghandu jkollna ghal Alla wahdu, flimkien mal-biza' kollha mhabba lejh.'

'L-ghemejjel kollha tas-seher u tal-maghmul li bihom wiehed jippretendi li jgieghel joqghodu ghalih setghat mohbija biex jaqduh, ha jkollu setgha sopranaturali fuq ghajru - ukoll biex jaghtih sahhtu, huma kuntrarji b'mod tassew gravi ghall-virtù tar-religjon. Dan l-ghemil hu wisq aktar ta' min jikkundannah meta hemm il-hsieb li ssir hsara lil haddiehor jew meta jintalab l-indhil tax-xjaten. L-uzu ta' l-amuleti, ta' xi haga li wiehed igib fuqu biex tehilsu minn xi ghajn jew minn xi maghmul, hu ukoll ta' min jistmerru. L-ispiritizmu spiss ihaddan fih tehbir u ghemil ta' sharijiet. Il-Knisja ghalhekk twissi lill-insara biex iharsu ruhhom minn dan kollu. M'hijiex xi haga tajba u ta' min jipprovaha, l-uzu ta' xi prattika medika tradizzjonali biex issejjah is-setghat tal-hazen jew biex tipprofitta mill-kredulità tan-nies.'

Naghalqu din il-parti, billi niftakru li l-Katekizmu jitkellem ukoll mix-xitan u kif ghemilu jista' jidher fil-gideb u fl-ghira. Hjiel insibuh fin-numri 2482 u 2538.

'Il-gideb hu diskors mhux veru li jsir bi hsieb li tqarraq. Il-Mulej jara fil-gideb ghemil tax-xitan: *Intom gejjin minn missierkom li hu x-xitan .......*

*il-verità ma tinsabx fih. Meta jigdeb ikun qieghed jitkellem talli hu, ghax hu giddieb u missier il-gideb* (Gwann 8,44).'

'L-ghaxar kmandament jitlob li nbieghdu kull ghira minn qalbna. Meta l-profeta Natan ried iheggeg lis-sultan David ha jindem, irrakkontalu l-istorja ta' wiehed fqir li kellu nghaga wahda biss, u li kien iqisha bhala bintu, u ta' l-ghani, li minkejja li kellu ghadd ta' merhliet, gher ghall-fqir u wasal biex jisraqlu n-nghaga (ara 2 Slaten 12,1.4). L-ghira tista' twassal ghall-ghemil ta' hazen mill-aghar (ara Genesi 4,3-7; 1 Slaten 21,1-29). *Hu minhabba l-ghira tax-xitan li l-mewt dahlet fid-dinja* (ara Gherf 2,24).'

Il-Kumment fuq il-Missierna, specifikament fuq it-talba *Ehlisna mid-deni* tigbor fiha b'mod sintetiku dak li qeghdin nghidu. Naqraw il-kumment fin-numri 2850-2855 :

***Ehlisna mid-deni***

'L-ahhar talba tal-Missierna tinsab ukoll fit-talba ta' Gesù: *ma nitolbokx li twarrabhom mid-dinja, imma li tharishom mill-Hazin* (Gwann 17,15). It-talba hi ghalina, ghal kull wiehed minna personalment, imma hu dejjem ahna li nitolbu f'ghaqda mal-Knisja kollha, ghall-helsien tal-gens kollu tal-bnedmin. It-Talba tal-Mulej ma tieqaf qatt tifthilna qalbna ghal dimensjonijiet tal-Pjan tas-salvazzjoni. L-interdipendenza taghna fid-dramm tad-dnub u tal-mewt hi mibdula f'solidarjetà fil-Gisem ta' Kristu, fix-xirka tal-qaddisin.

'F'din it-talba d-deni m'huwiex xi haga astratta, imma hu persuna, ix-xitan, il-Hazin, l-anglu li hadha kontra Alla. Ix-xitan, *dia-bolos*, dak li jehodha kontra l-pjan ta' Alla, l-opra tas-salvazzjoniî li sehhet fi Kristu.

'*Qattiel sa mill-bidu, giddieb u missier il-gideb* (Gwann 8,44), ix-Xitan, *il-qarrieq tad-dinja kollha* (Apokalissi 12,9) dahhal id-dnub u l-mewt fid-dinja u b'rebha shiha fuqu l-holqien kollu jigi *mehlus mid-dnub u l-mewt. Ahna nafu li kull min hu mwieled minn Alla ma jidnibx, imma l-Iben ta' Alla jharsu mid-dnub, u l-Hazin ma jmissux b'idejh. Nafu li ahna gejjin minn Alla u li d-dinja kollha qieghda taht idejn il-hazin* (1 Gwann 5,18-19).

'Il-Mulej li nehhilek id-dnub tieghek u hafirlek htijietek, iharsek ukoll u jehilsek mill-qerq tax-xitan li jgarbek, biex l-ghadu li mdorri johloq il-htija ma jehdokx ghal gharrieda. Min jafda f'Alla ma jibzax mix-Xitan. *Jekk Alla maghna, min jista' jkun kontra taghna?*

Ir-rebha fuq *il-princep ta' din id-dinja* nkisbet darba ghal dejjem fis-Siegha li Gesù ta lilu nnifsu ghall-mewt biex jaghti l-Hajja lilna. Isehh imbaghad il-gudizzju ta' din id-dinja u *l-princep ta' din id-dinja* (Gwann 14,10) *jitkecca 'l barra* (Gwann 12,31; Apokalissi 12,11). *Jitlaq wara l-Mara* (ara: Apokalissi 12,13-16), izda ma ghandux setgha fuqha: Eva l-

gdida, *mimlija bil-grazzja* ta' l-Ispirtu s-Santu, hi hielsa minn kull dnub u mit-tahsir tal-mewt (l-Imnissla bla Tebgha u Mtellgha s-Sema bir-ruh u l-gisem, l-Imqaddsa Vergni Marija Omm Alla). *U d-Dragun imtela bil-korla ghall-Mara u mar biex jaghmel gwerra mill-bqija ta' nisilha* (Apokalissi 12,17). Hu ghalhekk li l-Ispirtu u l-Knisja jitolbu: *Ejja, Mulej Gesu!* (Apokalissi 22,17.20), ghax il-Migja tieghu tehlisna mill-Hazin.

'Meta nitolbu l-helsien mill-Hazin, nitolbu wkoll li nkunu mehlusa minn kull deni ta' l-imghoddi u tal-gejjieni, deni li gej minn dak li jhajjar ghalih. Izda f'din l-ahhar talba, il-Knisja tipprezenta lill-Missier it-tigrib kollu tad-dinja. Mal-helsien mid-deni li jgarrab il-gens kollu tal-bnedmin, il-Knisja titlob id-don ghaziz tal-paci u l-grazzja li toqghod dejjem tistenna sa l-ahhar it-tieni migja ta' Kristu. Hija u titlob b'dan il-mod, il-Knisja tghix minn qabel, fl-umiltà tal-fidi, it-tigdid ta' kollox u ta' kulhadd f'dak li ghandu f'idejh l-imfietah tal-Mewt u ta' Post il-Mejtin (Apokalissi 1,18), li hu, li kien, li ghad irid jigi, dak li jista' kollox (Apokalissi 1,8; ara: 1,4).'

Ehlisna, nitolbuk, Mulej, minn kull deni; aghtina fit-tjieba u l-hniena tieghek, il-paci fi zmienna, biex inkunu hielsa minn kull dnub, u mharsa minn kull inkwiet, ahna u nistennew u nittamaw il-hena u l-migja tas-Salvatur taghna Gesù Kristu.

## (B) L-Ezorcizmu fil-Knisja, il-bierah u llum.

Galadarba d-diskors taghna huwa iccentrat ukoll fuq ir-rejaltà tax-xitan u l-hidma tieghu, ejjew issa nitkellmu ftit fuq l-ezorcizmu, l-awtorità li tkecci l-ispirti l-hziena f'isem Gesù, matul is-sekli ta' l-istorja tal-Knisja.

Hawnhekk tajjeb li nergghu infakkru n-numri 1673 tal-Katekizmu tal-Knisja Kattolika, numru li jitkellem esplicitament fuq it-talba ta' l-ezorcizmu.

'Meta l-Knisja titlob pubblikament u b'awtorità, f'isem Gesù Kristu, biex xi persuna jew xi haga tigi mwarrba minn taht is-setgha tieghu, dan jissejjah ezorcizmu. Kristu dan ghamlu, u minn ghandu l-Knisja rceviet is-setgha u d-dmir li tezorcizza. F'sura semplici l-ezorcizmu dejjem issir waqt ic-celebrazzjoni tal-maghmudija. L-ezorcizmu solenni jew l-ezorcizmu l-kbir , jista' jsir biss minn sacerdot u bil-permess ta' l-Isqof. Wiehed irid juza l-ghaqal kollu u jhares bir-reqqa kollha r-regoli li ghamlet il-Knisja. L-ghan ta' l-ezorcizmu hu li jkecci x-xjaten jew jehles minn taht is-setgha tax-xitan u dan bis-sahha ta' l-awtorità spiritwali li Gesù ried jafda lill-Knisja tieghu. Il-mard, l-aktar dak tal-mohh (psikiku), hu haga ghal kollox

differenti li tinteressa x-xjenza medika. Hu ghalhekk importanti hafna qabel ma wiehed jiccelebra ezorcizmu, li jkun zgur dwar il-prezenza tal-Hazin u mhux li jkun kaz ta' mard.'

L-ezorcista ta' Ruma, Don Gabriele Amorth, jaqsam l-istorja ta' l-ezorcizmu f'seba' perjodi storici (ara: AMORTH G., *Esorcisti e Psichiatri*, ED 1996).

(i) Fl-ewwel perjodu nitkellmu minn Kristu u l-Appostli. Fl-ewwel parti tal-ktieb digà tkellimna fuq Gesù Kristu, li fil-Vangeli jigi pprezentat bhala r-rebbieh fuq Satana u l-angli tieghu sa mill-bidu tal-ministeru pubbliku tieghu. Hu gie biex ihott l-opra tax-xitan: b'taghlim, bl-ezorcizmu tieghu u bl-ghoti ta' l-awtorità fuq l-ispirti l-hziena lill-Appostli u l-Knisja. Hawnhekk nistghu naraw mhux biss l-importanza ta' din il-glieda, imma anke l-originalità taghha. Gesù ghamel ghazliet precizi u ghadda taghlim preciz fuq ix-xitan. Ma kienx marbut ma' l-idejat ta' zmienu, li fih l-ezistenza tax-xitan kienet meqjusa bhala dubbjuza. Fil-fatt il-Farizej kienu jemmnu fih u s-Sadducej le. Gesù wera fid-dawl l-azzjoni ta' Satana kontra l-pjan ta' Alla (ftakru fil-parabbola tas-sikrana); heles l-imxajtna u ddistingwa bejn il-fejqan mill-mard u l-helsien mill-ispirti l-hziena.

(ii) Fl-ewwel tlett sekli ta' l-istorja tal-Knisja l-insara kollha kienu jezercitaw il-qawwa li jkeccu x-xjaten f'isem Gesù. Hekk jistqarru San Gustinu u Sant' Irinew.

San Gustinu, per ezempju, jikteb li din l-awtorità fuq l-ispirti l-hziena kienet sinjal pozittiv tal-prezenza ta' l-insara fost il-pagani: 'Krsitu twieled skond ir-rieda tal-Missier biex isalva lil dawk kollha li jemmnu fih u biex ihott l-opra tax-xitan. Intom tistgu taraw dan quddiem ghajnejkom. Fid-dinja u f'Ruma hemm min hu mahkum mix-xitan li ma jiksbux il-helsien meta jmorru ghand is-sahhar u ezorcista kwalunkwe. Imma fostna l-insara, hemm hafna li wasslu min kien mahkum ghall-helsien f'isem Gesù Kristu, imsallab taht Ponzju Pilatu.'

L-istess San Gustinu jaghtina wkoll hjiel fuq xi siltiet li kienu jintuzaw fit-talbiet ta' l-ezorcizmu: 'Kwalunkwe spirtu hazin li jigi kkmandat f''sem l-Iben ta' Alla - imnissel qabel kull zmien, li twieled minn Vergni, li sar bniedem suggett ghat-tbatija, li gie mislub taht Ponzju Pilatu, miet, qam minn bejn l-imwiet u tela' s-sema - kwalunkwe spirtu hazin, ikkmandat bil-qawwa ta' l-Isem ta' dan Gesù, huwa mirbuh.'

Sant'Irinew jistqarr: 'Bl-invokazzjoni ta' l-Isem ta' Gesù li gie mislub taht Ponzju Pilatu, Satana jigi mkecci mill-bniedem.'

Interessanti wkoll dak li jghid Origene, li jistqarr li fl-Isem ta' Gesù, ix-xitan jigi mkecci mill-persuni, mill-affarijiet, mill-postijiet u sahansitra mill-bhejjem.

F'dawn l-ewwel tlett sekli mela, l-ezorcizmi kienu jigu maghmula fuq min kien mahkum jew imhabbat mill-ispirti l-hziena, u bhala parti importanti tal-maghmudija li biha min jemmen kien jghaddi minn taht id-dominju tax-xitan ghad-dominju ta' Kristu.

(iii) Il-perjodu li jmur mit-tielet sas-seba' seklu huwa perjodu ta' evoluzzjoni anke f'dak li ghandu x'jaqsam mal-prattika ta' l-ezorcizmi. L-attività ezorcistika hadet spinta 'l quddiem bil-hidma ta' l-ewwel monaci tad-dezert, bhalma kienu Sant' Anton, Pakomju u ohrajn. Ta' min ifakkar lill-qaddisin martri Marcellinu u Pietru, li mietu waqt l-ahhar persekuzzjoni ta' Djoklezjanu. Pietru kien ezorcista-martri l-aktar antik, barra l-appostli, li tieghu nafu l-isem.

Hu propju f'dan il-perjodu, minhabba r-rejaltà ta' ezorcisti imbroljuni, li l-Knisja fil-Punet ghazlet li l-ezorcistat bhala ministeru, ikun esklusiv ordni minuri klerikali. Fil-fatt, il-Papa Innocenz I ried li l-ezorcizmi jibdew isiru biss bil-permess ta' l-Isqof, haga li prattikament baqghet hekk sal-gurnata tallum.

Id-dixxiplina tal-Knisja tal-Punent ma saritx biex tillimita il-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu li jqassam id-doni u l-karizmi lil min irid u kif irid, anke meta nitkellmu mill-karizma tat-tkeccija ta' l-ispirti l-hziena. Fil-Knisja tal-Lvant b'differenza, l-ezorcistat dejjem gie meqjus bhala karizma, u sal-gurnata tallum hekk baqa', anke jekk spiss dan il-ministeru jigi maghmul mill-monaci.

Kemm qaddisin kellhom dan id-don minghajr ma kienu ezorcisti! U lanqas ma giet limitata il-qawwa moghtija minn Kristu lil dawk kollha li jemmnu fih biex ikeccu x-xjaten f'ismu. Naghmlu biss differenza fit-terminologija.

L-ezorcizmu hija t-talba ufficjali tal-Knisja li ssir mill-Isqof jew mis-sacerdot awtorizzat minnu; kwalunkwe talb iehor li jsir ghall-istess skop jissejjah helsien. Iz-zewg talbiet ghandhom l-istess skop: il-helsien mix-xitan.

(iv) Mis-seba' sat-tnax 'il seklu ghandna perjodu twil fejn il-ministeru ta' l-ezorcistat kellu zvilupp shih, kemm fil-Punent kif ukoll fil-Lvant. Twieldu dawk li nistghu nsejhulhom l-iskejjel ta' l-ezorcisti, fejn ezorcisti anzjani kienu jghallmu u jghaddu l-prattika tal-ministeru taghhom lil sacerdoti izghar minnhom li kienu jiehdu posthom f'hinu u f'waqtu.

Ta’ min isemmi t-talbiet ta’ l-Ezorcizmu ta’ Alkwinu (miet fis-sena 804) li gew imqieghda fir-Ritwal Ruman fl-1614 u li ghadhom jintuzaw sal-gurnata tallum.

Fuq livell ta’ arti, huwa proprju f’dan iz-zmien li jidhru l-ewwel raffigurazzjonijiet ta’ Satana kif ukoll ta’ l-ezorcisti. Nistghu nghidu li dan huwa perjodu ta’ ekwilibrju fejn il-ministeru ta’ l-ezorcistat huwa parti integranti tal-ministeru pastorali tal-Knisja.

(v) Il-perjodu li jtul mis-seklu tnax sas-seklu hmistax hu perjodu ta’ taqlib kbir ghall-Knisja kif ukoll ghas-socjetà. Hu perjodu fejn isaltnu l-ezagerazzjonijiet: it-tiftix u l-hruq ta’ nisa li kienu jahsbuhom shahar, l-uzu tat-tortura kontra l-eretici, ecc. Kien zmien ta’ epidemija, mard, firdiet fil-Knisja. Hafna waqghu fit-tentazzjoni li jaraw ix-xitan kullimkien .... Mentalità li nisslet tahwid u qerda aktar milli xewqa li twassal lil min verament kellu bzonn ghall-fejqan u ghall-helsien!

(vi) Fil-perjodu bejn is-sittax sas-sbatax-il seklu ghandna kurrent negattiv: il-persekuzzjonijiet jiehdu post anke l-ministeru ta’ l-ezorcizmu! Forsi hawnhekk l-istorja tghallem: fejn ix-xitan ma jigix ikkumbattut u mkecci bit-talb u l-ezorcizmi, il-bnedmin jigu demonizzati u maqtula! Is-snin 1560-1630 huma l-aghar snin f’dan ir-rigward. Ghandna fil-veru sens tal-kelma “kacca ghas-shahar!” U dan fuq kollox fil-pajjizi protestanti. Interessanti ninnutaw li fejn tkomplew l-ezorcizmi, bhal f’Ruma, fl-Irlanda u Spanja, persekuzzjonijiet irrazzjonali ma kienx hemm.

(vii) Mis-seklu tmintax sallum: jekk kien tassew sinjal pozittiv li spiccaw il-persekuzzjonijiet, kienet hasra tassew li f’hafna pajjizi waqfu wkoll l-ezorcizmi. Kienet rejazzjoni irrazzjonali ghall-eccessi ta’ l-ahhar sekli. Jekk qabel kienu jiddemonizzaw kollox, dal-perjodu mar in-naha l-ohra. Ix-xitan sar biss simbolu; kien jitqies bhala sinjal ta’ xi haga astratta. U dan ukoll frott ir-razzjonalizmu, l-illuminizmu ecc, li cahdu kwalunkwe tip ta’ rivelazzjoni, anke dik biblika. Dawn il-movimenti naturalment nisslu l-materjalizmu storiku, ghall-ateizmu marxista sal-komunizmu tal-Punent.

Dawn il-movimenti influwenzaw hafna l-Knisja u hafna kienu t-tejologi u l-biblisti li bdew jinnegaw l-ezistenza ta’ Satana, l-azzjoni tieghu, l-ezorcizmu ta’ Gesù u wisq u wisq aktar anke l-prattika ta’ l-ezorcizmi. Il-pskjatrija u l-parapsikologija saru l-metodu tal-fejqan ta’ kollox!

F’dan iz-zmien ta’ min isemmi lill-Papa Piju VII, li ghadda zmien bhala prigunier ta’ Napuljun. Kien ezorcista, li anke bhala Papa baqa’ jaghmel l-ezorcizmu. Dal-Papa kien jirrepeti: ‘l-ghajn ta’ kull pastorali hija

l-ezorcizmu'. U dan fis-sens li fil-mixja wara Kristu, hemm dejjem inkluza wkoll ic-cahda lil Satana, bhalma jsir fis-sagrament tal-Maghmudija.

Tajjeb li hawnhekk ingibu testwalment il-konkluzjoni ta' l-ezorcista ta' Ruma, Don Gabriele Amorth, li hu stess jaghti l-indikazzjonijiet storici migbura f'sintezi hawn fuq.

'Id-Duttrina biblika u nisranija temmen fl-ezistenza tax-xjaten, spirti mahluqa tajbin minn Alla u li ppervertew rwiehhom htija taghhom; ghandhom qawwa negattiva fuq il-bnedmin u jistghu jaslu li jahkmu persuni jew ogetti. Kristu ghandu awtorità fuq ix-xjaten, huwa r-Rebbieh, filwaqt li ghadda l-awtorità tieghu tat-tkeccija ta' l-ispirti f'ismu lill-Knisja.

'Il-glieda kontra x-xitan hija responsabilità ta' kulhadd u hija parti importanti tal-mixja spiritwali ta' min jemmen. Nafu li l-azzjoni ordinarja tax-xitan hija t-tentazzjoni. Kulhadd irid jiggieled kontra t-tigrib fil-hajja tieghu, it-tigrib li hu frott id-dghufija taghna, kif ukoll it-tigrib li jigina mix-xitan. Il-Bibbja titkellem car fuq din il-glieda li tingabar fl-ahhar zewg frazijiet tat-talba li tana Gesù: *la ddahalniex fit-tigrib u ehlisna mid-deni.*

'L-ezorcista huwa sacerdot, li mqabbad mill-Knisja, jidhol biex jghin meta jkun hemm manifestazzjonijiet ta' azzjoni straordinarja tax-xitan. Il-ministeru tieghu ghandu jerga' jikseb dak id-dinamizmu u kreattività li kellu fil-passat, anke bl-ghajnuna ta' dawk id-doni u l-persuni moghnija b'doni specjali mill-Ispirtu s-Santu.

'Illum, wara kwazi tliet sekli, qed naraw il-qawmien mill-gdid ta' dan it-tip ta' servizz fil-Knisja u dan anke minhabba l-bzonn li qed ihoss il-poplu ta' Alla u minkejja n-nuqqas ta' preparazzjoni tal-kleru f'dan il-kamp. L-isfida ta' l-okkultizmu hija kbira u anke x-xjenza illum taghraf il-limiti taghha f'dan il-kamp. Fejn tidhol l-azzjoni straordinarja tax-xitan, mhijiex bizzejjed it-trattazzjoni medika..... jinhtieg ukoll l-ezorcista li jfejjaq f'isem Gesù Kristu.

'Forsi ghadna ma wasalniex ghall-punt fejn il-ministeru ta' l-ezorcista huwa meqjus bhala servizz ta' fejqan u helsien li jmur id f'id mas-servizz pastorali shih tal-Knisja, u li ghalih ikun hemm nies preparati sufficjenti ghall-bzonijiet tallum. Il-ministeru ta' l-ezorcista huwa servizz li jfarrag, li jfejjaq u jehles u li jwassal il-persuni qrib Alla u qrib il-Knisja. Uhud jahsbu li l-ezorcista jara x-xitan kullimkien. Izda l-kuntrarju huwa veru! L-ezorcista jikkalma 'l dak li jkun, inehhi l-bizghat inutli, jikkollabora b'mod effikaci biex iwassal is-sliem fil-kuxjenzi u bejn l-individwi. Kif rajna matul l-istorja, specjalment fil-perjodu l-aktar imdallam: fejn kienu jsiru l-ezorcizmi, il-persuni ma kienux jigu demonizzati u lanqas maqtula. Li jkollok ezorcista jfisser li jkollok min jahdem favur il-persuni u l-fejqan shih

taghhom. Ifisser li tfarrag bi kliem il-fidi u mhux bl-imbrolji tas-shahar, li lejhom in-nies jirrikorru meta ma jsibux sacerdot li jismaghhom.'

(viii) Is-sitwazzjoni f'pajjizna. Anke f'pajjizna nhasset il-htiega ta' qawmien mill-gdid tal-ministeru ta' l-ezorcista, ministeru meqjus bhala servizz favur ix-xandir tal-Bxara t-Tajba ta' Gesù Kristu u favur il-fejqan u l-helsien shih tal-persuni bil-qawwa ta' l-Isem ta' Gesù.

Biex dan il-ministeru jidher bhala servizz tal-Knisja, inhalqet Kummissjoni (hafna ahjar min-nomina ta' ezorcista individwali, li spiss jigi innominat u mholli jahdem wahdu!) biex taqdi dan il-ministeru. Is-servizz shih tas-sacerdoti li nhatru f'din il-kummissjoni jidher car fid-digriet mahrug mill-Arcisqof Guzeppi Mercieca, nhar it-14 ta' April 1995, proprju f'Hamis ix-Xirka, jum li fih issir it-Tifkira tat-Twaqqif ta' l-Ewkaristija u d-don tas-sacerdozju.

Qed ingibu t-test kollu tad-Digriet biex wiehed jifhem is-sbuhija ta' dan il-ministeru. Haga wahda nghidu: il-Knisja f'Malta qrat u fehmet is-sinjali taz-zminijiet u b'gest kuragguz u profetiku gharfet taghti sinjal pozittiv li juri li Kristu llum ifejjaq, jehles ghax hu Haj, rebbieh fuq id-dnub, il-mewt u fuq Satana u l-angli tieghu!

**Digriet**

Peress li f'pajjizna diversi operaturi pastorali qed jiltaqghu ma' kazijiet fejn xi persuni qed jirrikorru ghal prattici okkulti, spiristici jew satanici, kif ukoll ma' ohrajn fejn jidher li jista' jkun hemm xi tip ta' influwenza jew infestazzjoni satanika;

Wara li smajt il-parir ta' persuni kompetenti;

B'dan id-Digriet qed inwaqqaf Kummissjoni permanenti fl-Arcidjocesi biex, bil-pariri u bil-hidma pastorali tal-membri taghha, tghinni fil-qadi tal-missjoni tieghi f'dan il-qasam.

1. Il-Kummisjoni jkun jisimha "Kummisjoni Djocesana dwar l-Okkult u s-Satanizmu", u tifforma parti mill-Kurja Djocesana.

2. L-iskop tal-Kummisjoni jkun li :

Tistudja l-fenomeni konnessi ma' l-okkult, l-ispiritizmu u s-satanizmu, kemm mil-lat teologiku kif ukoll mil-lat tax-xjenzi naturali, specjalment tal-psikologija, psikjatrija u parapsikologija, li jistghu jaghtu kontribut siewi hafna u kultant necessarju ghal dixxerniment awtentiku dwar dawn il-fenomeni;

Li zzomm lill-Arcisqof infurmat dwar dak li jkun qed jigri fl-Arcidjocesi f'dan il-kamp, l-aktar dwar zviluppi godda jew ta' importanza;

Li taghti lill-Arcisqof pariri dwar il-hidma pastorali possibbli f'dan il-qasam;

Li tghin lill-membri tal-Knisja li jiffaccjaw, b'mod konformi mat-taghlim u l-prattika tal-Knisja, dawn il-fenomeni.

3. Ghal dan l-iskop, il-Kummisjoni u l-membri taghha ikollhom dawn id-dmirijiet u fakoltajiet:

Li jispecjalizzaw fis-suggett u jitkellmu dwaru b'mod kompetenti f'laqghat u fuq il-mezzi komunikazzjoni socjali.

Li jiltaqghu perjodikament flimkien u jaqsmu flimkien l-esperjenza taghhom.

Li fejn ihossuh mehtieg jew utli, bil-prudenza pastorali necessarja, jiddixxernu dwar kazijiet partikolari, u specjalment dwar kazijiet:

Fejn persuni jhossuhom attakkati direttament (tentazzjoni, oppressjoni jew possessjoni) jew indirettament (permezz ta' maghmul, seher, sahta, jew ghajn hazina) mix-xitan;

Ta' vessazzjoni jew infestazzjoni fuq persuni jew lokali.

Li jghinu u jmexxu spiritwalment u pastoralment persuni involuti direttament jew indirettament fis-satanizmu, l-okkult u spiritizmu.

Li juzaw it-talb liturgiku u ufficjali tar-Ritwal Ruman dwar l-ezorcizmu, minghajr pregudizzju ghal dak li jinghad hawn taht fin-numru 4.

Li jinfurmaw perjodikament lill-Arcisqof *pro tempore* dwar l-esperjenzi, il-konkluzjonijiet u l-hidma pastorali taghhom.

4. F'kazijiet partikolari fejn tidher il-possibilità ta' vera possessjoni djabolika, l-Arcisqof ghandu dejjem jigi infurmat u jintalab l-awtorizzazjoni mehtiega biex isir l-ezorcizmu halli l-persuna, bl-intercessjoni tal-Knisja, tinheles mill-hakma tax-xitan.

Il-membri tal-Kummisjoni ghandhom izommu quddiem ghajnejhom li ghal dixxerniment awtentiku dwar dawn il-fenomeni huwa mehtieg fuq kollox id-dawl ta' l-Ispirtu s-Santu, li ghandhom jippreparaw ruhhom ghalih kemm b'hajja qaddisa u bit-talb, kemm ukoll b'fedeltà mal-Magisteru tal-Knisja. Izda huwa mehtieg ukoll il-kontribut li jistghu jaghtu x-xjenzi naturali, specjalment il-psikologija, il-psikjatrija u l-parapsikologija: ghal dan il-ghan ghandhom izommu kuntatt u djalogu ma' esperti f'dawn ix-xjenzi li jkollhom vizjoni nisranija tal-bniedem u tal-holqien.

Il-membri tal-Kummisjoni jinhatru liberament mill-Arcisqof *pro tempore* ghal perijodu ta' hames snin, li jista' jigi imgedded ghal perjodi ohra, skond ma jidhirlu l-Arcisqof *pro tempore*, u minghajr pregudizzju ghall-kanoni 186 tal-Kodici tad-Dritt Kanoniku.

Wiehed mill-membri tal-Kummissjoni jigi mahtur mill-Arcisqof *pro tempore* bhala President taghha, bid-dritt u bid-dmir li jsejjah u jippresjiedi

l-laqghat taghha, li personalment ukoll igib quddiem l-ghanijiet taghha, u jzomm il-kuntatti mehtiega ma' l-Arcisqof.

Wiehed mill-membri l-ohra tal-Kummissjoni jigi mahtur minnha stess, fl-ewwel laqgha wara t-twaqqif taghha jew wara kull hatra perjodika tal-membri, bhala Segretarju taghha.

Moghti mill-Kurja Arcivekovili ta' Malta, Floriana, illum 13 ta' April 1995, il-Hamis tal-Gimgha l-Kbira, il-Jum li fih issir it-tifkira ta' l-istituzzjoni ta' l-Ewkaristija Mqaddsa u tas-Sacerdozju Ministerjali.

Mons. Guzeppi Mercieca
Arcisqof ta' Malta.

## (C) <u>It-Talba ta' l-Ezorcizmu</u>

It-talba ta' l-Ezorcizmu li tintuza sal-gurnata tallum tinsab fir-Ritwal Ruman l-antik, sakemm ma johrogx ir-Rit il-gdid ta' l-Ezorcizmi, li ghandu jkun ukoll frott il-Koncilju Vatikan II. It-talba li tintuza giet ippublikata fis-17 ta' Gunja ta' l-1614. Ir-Rit gie preparat b'ordni tal-Papa Pawlu V li xtaq li jingabru t-talbiet l-aktar antiki. Fil-fatt, l-aktar li ngabru kienu t-talbiet ta' Alkwinu (+804), li ghalhekk ilhom jintuzaw ghal tnax-il seklu.

Dawn it-talbiet gew 'irrikmandati' ghall-uzu waqt l-Ezorcizmi; xterrdu malajr u ntuzaw mad-dinja kattolika. Fil-fatt nistghu nghidu li huma espressjoni sabiha, anke jekk mhux l-unika, tas-setgha tal-Knisja li tkecci l-ispirti l-hziena f'isem Gesù Kristu.

Fir-Ritwal Ruman insibu zewg kapitli li jipprezentaw in-normi li ghandhom jigi osservati waqt l-ezorcizmu u l-istess Rit, li jigbor fih it-talb, it-tliet ezorcizmi kbar. Nixtiequ nipprezentaw traduzjoni bil-Malti - traduzzjoni li ovvjament m'ghandha l-ebda valur ufficjali - biex wiehed jifhem ftit aktar l-impenn tal-Knisja li titlob u toffri l-helsien, bl-awtortià ta' Kristu nnifsu.

Normi prattici: Fuq kif tiskongra lil dawk li huma mahkuma mix-Xitan.

Is-sacerdot li se jiskongra lil xi hadd imhabbat mix-xitan, - - jew xi hadd iehor maghzul legittimament mill-Knisja biex jaghmel dan il-ministeru - -, ghandu jkun bniedem twajjeb, prudenti u moghni b'virtujiet sodi kemm jista' jkun. M'ghandux ikun pruzuntuz, imma wiehed li jafda fuq il-qawwa t'Alla. Ghandu jkun ghal kollox distakkat mill-gibdiet lejn il-hwejjeg tad-

dinja. Ghandu jaghmel dan ix-xoghol qaddis b'sens kbir ta' karità, bl-umiltà kollha, u bla ma jaqta' qalbu. Ikun jixraq li l-ezorcista jkun bniedem ftit li xejn imdahhal fiz-zmien. Ghandu jkun wiehed li jigbed rispett lejh mhux biss imhabba l-ufficcju tieghu, imma wkoll minhabba fil-mod dinjituz ta' l-imgiba tieghu.

Biex jaqdi kif imiss il-ministeru tieghu, ghandu jkun imharreg sewwa kemm fl-istudju kif ukoll fl-esperjenza mhux biss ta' dawk id-dokumenti u f'kitbiet ohra ta' awturi approvati, imma ghandu wkoll josserva bir-reqqa kollha dawn il-ftit rakkomandazzjonijiet li nhossu li huma ta' importanza kbira.

L-ewwel: - M'ghandux ikun wiehed li jemmen facilment li xi hadd huwa mxajtan. Ghandu jkun jaf jaghraf sewwa s-sinjali li bihom jista' jaghzel bniedem li hu tassew ippossedut mix-xitan minn iehor li hu marid bil-bili mdardar jew minn xi mard iehor.

Sinjali cari tal-pussess tax-xitan huma :- li wiehed jitkellem siltiet twal (sentenzi shah) f'ilsien li l-mahkum ma jafx jitkellem; jew li il-mahkum jifhem lil xi hadd iehor li qed jitkellem f'lingwa barranija li l-invazat ma jafhiex. Li jispjega car fatti u grajjiet li qed jigru fil-boghod jew fil-mohbi; li jaghmel atti ta' sahha 'l fuq mis-sahha ta' bniedem ta' l-età tieghu, jew tal-kundizzjoni tieghu; li juri sinjali ohra ta' kull xorta li wehidhom jew kollha flimkien, huma sinjali qawwija ta' possessjoni.

Biex l-ezorcista jaghraf ahjar dawn is-sinjali, ghandu, wara l-ewwel jew it-tieni ezorcizmu, jistaqsi lill-imxajtan x'qed ihoss f'ruhu jew f'gismu. Ghandu jistharreg liema kliem l-aktar li jdejjqu lix-xitan biex hekk l-ezorcista jista' jerga jirripetihom u jaghmel aktar enfasi fuqhom. Hu ghandu joqghod attent ghat-tnassis u l-qerq li x-xitan jista' juza biex iqarraq bl-ezorcista nnifsu, bhal ma huma :- li l-imxajtan jirrispondi bil-gideb; jew li x-xitan jaghmilha difficli hafna li l-imxajtan jirrivela x'qed ihoss biex b'dik il-battikata l-ezorcista jghejja jistaqsi u ma jistaqsihx aktar: jew biex b'hekk l-ezorcista jibda jahseb li l-mahkum qed ibati minn xi marda u mhux tassew imhabbat mix-xitan.

Kultant jigri li wara li l-mahkum jirrivela x'qed ihoss, ix-xitan jinheba u jhalli lill-gisem il-mahkum kwazi hieles ghal kollox minn kull dieqa biex il-mahkum stess jahseb li nheles kompletament. Imma l-ezorcista m'ghandu qatt jieqaf qabel ma jara sinjali cari ta' helsien mix-xitan.

Kultant, ukoll, id-demonji joholqu l-impedimenti kollha li jistghu biex il-mahkum ma jissottomettix ruhu ghall-ezorcizmu. Xi drabi jipprova jipperswadi lill-ezorcista li l-mahkum qed ibati minn xi marda naturali. Xi drabi, waqt l-ezorcismu, ix-xitan igib nghas kbir fuq il-mahkum, jew igiblu

quddiem ghajnejh xi dehra biex ix-xitan jinheba warajha u l-imxajtan jahseb li heles mix-xitan.

Kultant ix-xitan iwebbel lill-mahkum li ghamlulu xi maghmul u min ghamilhulu u x'ghandu jaghmel biex jehles mill-maghmul. Imma l-ezorcista ghandu joqghod attent li l-marid ma jmurx jikkonsulta lil xi sahhar jew xi qarrej tax-xorti jew lil xi hadd iehor hlief lil xi qassis tal-Knisja. Ghax b'hekk il-mahkum jista' jaqa' f'xi superstizzjoni jew jaghmel xi haga ohra illecita.

Kultant ix-xitan jikkwieta lill-marid u sahansitra jippermetti li l-marid jircievi l-Ewkaristija biex tassew jikkonvincih li x-xitan m'ghadux aktar fih.

Fl-ahharnett l-ezorcista ghandu joqghod attent u ma jitqarraqx mill-ghadd bla qies ta' forom ta' qerq u tnassis li x-xitan jaf jinqeda bihom biex iqarrraq.

Ghalhekk, l-ezorcista, waqt li jiftakar fil-kliem tal-Mulej li din ix-xorta ta' demonji ma jigux imkeccija jekk mhux bit-talb u bis-sawm, u fuq l-ezempju tas-Santi Padri, ghandu, sakemm jista' jkun, izomm cari quddiem ghajnejh dawn iz-zewg rimedji biex jitlob l-ghajnuna ta' Alla kemm ghalih innifsu u kemm ghall-ohrajn, u biex ikecci ix-xjaten.

Il-post fejn isir l-ezorcizmu, sa fejn jista' jkun, ghandu jkun go xi knisja 'il boghod mill-folol. Imma jekk il-(matt 17) huwa marid: jew hu xi persuna nobbli, jew jekk hemm xi raguni ohra valida, l-ezorcizmu jista' jsir imqar go dar privata.

Jekk il-mahkum huwa mohhu floku u mhux maghdur wisq f'sahhtu, l-ezorcista ghandu jwiddbu biex jitlob lil Alla, jinkoraggih biex isum u jhajru jersaq ghall-qrar u jitqarben skond ma l-ezorcista jidhirlu li ghandu jaghmel. U, waqt li jkun jezorcizzah, ghandu jheggu biex l-imxajtan jaghmel l-isforzi kollha biex jikkonverti lejn Alla, u bl-umiltà kollha, jitlob il-fejqan tieghu nnifsu b'fidi kbira. Jekk jara li l-imxajtan qed jigi mfixkel mix-xitan b'qawwa kbira, l-ezorcista ghandu jwieznu bil-pacenzja kollha u bla ma jaqta' qalbu li Alla sa jaghtih l-ghajnuna.

L-ezorcista ghandu jzomm f'idejh Kurcifiss jew, almenu, li jkollu Kurcifiss f'post fejn jidher, u sa fejn jista' jsir, ghandu jkollu xi Relikwi tal-Qaddisin mghottija sewwa, biex iqeghdhom fuq ir-ras u s-sider ta' l-imxajtan. Izda l-ezorcista ghandu joqghod ferm attent li dawn l-oggetti qaddisa ma jigux ittrattati b'mod mhux xieraq jew li jigu mkasbrin mix-xitan.

Ghalhekk, l-ezorcista m'ghandu qatt iressaq l-Ostja Mqaddsa fuq ? jew fuq xi parti ohra ta' l-imxajtan, minhabba fil-periklu ta' xi tkasbir tas-Satanizmu.

L-ezorcista m'ghandux jinhela f'hafna kliem jew f'mistoqsijiet fiergha, jew biex jissodisfa l-kurzità tieghu jew biex isir jaf xi hwejjeg futuri u mohbija. Mistoqsijiet bhal dawn m'ghandhom xejn x'jaqsmu max-xoghol ta' l-ezorcista. Jekk il-mahkum jibda jbassar jew jirrivela xi hwejjeg bhal dawn, l-ezorcista ghandu jsikktu u jordnalu li jirrispondi biss dawk il-mistoqsijiet li jaghmillu l-ezorcista. Wisq u wisq aktar m'ghandux jemmnu jekk ix-xitan jaghmilha ta' bir-ruhu li hu xi Qaddis jew xi Anglu jew xi ruh twajba ta' xi hadd li jkun miet.

Il-mistoqsijiet li ghandu jaghmillu huma: - in-numru u l-isem ta' l-ispirti li qeghdin jassedjaw; iz-zmien meta dahlu go l-imxajtan; il-kawza ghaliex dahlu go l-imxajtan, u mistoqsijiet ohra ta' din ix-xorta. L-ezorcista ghandu jwaqqaf minnufih u jistmerr kull cajt, dahk u gesti pastazi li jaghmel l-imxajtan. Imma x'aktarx ghandu jwissihom biex bl-umiltà u b'herqa kbira joqghodu jitolbu ghalih lil Alla.

Ghandu jlissen il-kliem ta' l-ezorcismu b'ton ta' kmand u ta' awtorità b'fidi kbira u bl-umiltà u biz-zelu.

Aktar ma jara l-imxajtan qed jithabat u jitkaghweg, aktar ghandu jinsisti u jkompli jikkmanda. Kull darba li jara lill-imxajtan icaqlaq jew isawwat xi parti minn gismu, jew jekk jara xi parti minn gisem l-invazat tintefah, l-ezorcista ghandu jaghmel hemmhekk is-sinjal tas-Salib u jroxx l-ilma mbierek li, waqt l-ezorcizmu, dejjem ghandu jkollu imhejji magenbu. Ghandu josserva sewwa ghal liema kliem partikulari ta' l-Ezorcizmu l-imxajtan qed l-aktar jithabat, biex hekk, ikun jista' jirripetihom aktar u aktar spiss. Meta, imbaghad, jigi ghall-kliem tat-Theddid, ghandu jirripeti t-theddida diversi drabi u kull darba jzid il-kastig. U fejn jara li qed jirnexxilu, ghandu jkompli jiskungrah ghal saghtejn, tlieta jew erba' sighat jew, jekk ikun fadallu sahha, anki ghal aktar, sakemm fl-ahhar jikseb ir-rebha.

M'ghandu qatt l-ezorcista jaghti xi medicina lill-imxajtan jew ihajjru biex jahmel hekk. Il-medicini ghandu jhallihom fil-kura tat-tabib.

Jekk jezorcizza xi mara, l-ezorcista dejjem ghandu jkollu prezenti xi persuni onesti li jzommu lill-imxajtna meta tibda tigi mhabbta mix-xitan. Dawn il-persuni ghandhom ikunu nies ta' pacenzja, u jekk jista' jkun, li jkunu xi nies tal-familja ta' l-imxajtna. Fl-istess hin, l-ezorcista ghandu joqghod attent li ma jhallihiex tghid xi kliem jew taghmel xi gesti li jqajmu hsibijiet hziena fih innifsu jew f'dawk ta' madwaru.

Fl-Ezorcizmu, l-ezorcista ghandu x'aktarx juza kliem mill-Iskrittura aktar milli jghid kliem minn zniedu jew milli jikkwota l-kliem ta' xi hadd iehor. Ghandu jikkmanda lix-xitan biex jghidlu jekk dahalx fil-gisem ta' l-imxajtan permezz ta' xi att ta' magija jew ta' xi maghmul, jew b'xi oggetti

ohra malefici. Jekk dawn l-oggetti l-imxajtan hadhom minn halqu, jordnalu li jivvomthom; jekk dawn l-oggetti jinsabu x'imkien barra mill-gisem, jordnalu jurih fejn qeghdin, u, wara li jinstabu, l-ezorcista ghandu jahraqhom. Ghandu wkoll iheggeg lill-imxajtan biex jirrivelalu t-tentazzjonijiet tieghu kollha.

Jekk u meta l-imxajtan juri sinjali li qed jehles mix-xitan, l-ezorcista ghandu jwissih biex izomm ruhu 'l boghod mid-dnub, biex ma jergax jaghti lix-xitan l-okkazjoni li jerga' jidhol fih, biex ma jigrix li l-istat ta' wara jkun aghar minn ta' qabel.

Imbaghad, is-Sacerdot, jew dak li qed jaghmilha ta' ezorcista, wara li jqerr huwa stess u wara li jistmerr dnubietu stess b'herqa kbira, jekk hu possibli, ghandu joffri sagrificcju tal-Quddiesa u jitlob ghall-imxajtan. Imbaghad liebes l-ispellizza u stola vjola, iqieghed it-tarf ta' l-istola madwar l-ghonq ta' l-imxajtan, jew, jekk ikun ghad baqa' l-periklu, igib lill-imxajtan marbut quddiemu, u wara li jroxx l-ilma mbierek fuqu nnifsu u fuq dawk ta' madwaru, jinxtehet gharkubbtejh u jibda jghid il-Litaniji ordinarji u t-Talb Specjali, waqt li l-ohrajn jirrisponduh.

Fl-ahharnett, jghid l-Antifona 'Mulej la tiftakarx fil-htijiiet taghna jew ta' missirijietna u la tpattilniex ghal dnubietna'u jghid *Pater Noster* minn taht l-ilsien.

V) U la ddahalniex fit-tigrib
R) Izda ehlisna minn kull deni.

Salm 53

Nitolbu: O Alla li dejjem thenn u tahfer, aghti widen ghat-talb Taghna biex fil-hniena u t-tjubija tieghek tholl lil dan il-qaddej imxekkel bil-katina ta' dnubietu. O Alla Qaddis, Missier li tista' kollox, Alla Etern, Missier il-Mulej taghna Gesù Kristu, li kkundannajt u harrabt lix-xitan tirann u midghi ghal gon-nirien ta' l-Infern; u li bghatt lil Ibnek il-Wahdieni f'din id-dinja biex itertqu fil-korla tieghu; aghti widen malajr biex tahtaf minn taht idejn ix-xitan u tehles mill-hsara lil dan l-imsejken bniedem mahluq xbieha tieghek. Nissel, Mulej, il-biza' go din il-bestja li qeghda tharbat l-ghalqa tad-dwieli tieghek. Aghti l-fiducja lill-qaddejja tieghek biex jitqabdu bil-hila kontra d-Dragun Moqziez biex ma jkasbarx aktar lil dawk li jittamaw fik, u ma jkunx jista' jghid izjed kif qal il-Farghun: 'Lil Alla ma nafux u lil Izrael ma nitilqux minn taht idejja'. Bil-qawwa ta' drieghek omnipotenti, geghelu johrog mill-qaddej tieghek ........ u thallihx aktar izommu mjassar taht difrejh. Ftakar, Mulej, li Inti ghogbok taghmel lil ........ xbieha tieghek u li fdejtu bid-demm ta' Ibnek Gesù Kristu li mieghek jghix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu ghal dejjem ta' dejjem.

(Mbaghad jikkmanda lix-xitan b'dan il-kliem)

Nikkmandak, int min int, ja spirtu moqziez, nordna lilek u lil shabek li qeghdin tassedjaw lil dan il-Qaddej t'Alla, li, ghall-merti tal-misteri ta' l-Inkarnazzjoni, tal-Passjoni, tal-Qawmien mill- Mewt u tat-Tlugh fis-Sema tal-Mulej taghna Sidna Gesù Kristu; bil-qawwa tan-Nizla ta' l-Ispirtu s-Santu u bil-qawwa tal-Migja li Sidna Gesù Kristu ghad jaghmel meta ghad jerga' jigi biex jiggudika lil kulhadd; nikkmandak li tghidli x'jismek u li turini s- sinjal tal-jum u tas-siegha li fiha tkun hrigt minn dan il-bniedem u nikkmandak li tobdi lili ministru t'Alla bla ma jisthoqqli. Nikkmandak li b'ebda mod ma taghmel ebda hsara fuq il-persuna ta' din il-kreatura t'Alla jew ta' xihadd li hawn prezenti; jew li taghmel ebda hsara f'gid li ghandhom.

Imbaghad tinqara fuq ras l-imxajtan wahda jew tnejn minn dawn is-siltiet tal-Vangeli li gejjin:

Qari mill-Vangelu skond San Gwann 1,14.

*Fil-bidu kien il-Verb, u l-Verb kien ma' Alla u l-Verb kien Alla. Hu kien fil-bidu ma' Alla. Kollox bih sar, u xejn ma sar minghajru; kull ma sar kellu l-hajja fih, u l-hajja kienet id-dawl tal-bnedmin. Id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma ghelbux.*

*Kien hemm ragel mibghut minn Alla, jismu Gwanni. Dan gie bhala xhud, biex jixhed ghad-dawl, biex bih kulhadd jemmen. Gwanni ma kienx id-dawl, imma gie biex jixhed ghad-dawl, dak id-dawl veru, li jdawwal kull bniedem, huwa u gej fid-dinja. Kien fid-dinja u d-dinja saret bih, imma d-dinja ma gharfitux. Gie f'daru, u niesu ma laqghuhx. Imma lil dawk li laqghuh tahom is-setgha li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu, li twieldu mhux bid-demm, anqas mill-gibda tal-gisem, u anqas mir-rieda tal-bniedem izda minn Alla.*
*U l-Verb sar bniedem u ghammar fostna, u ahna rajna l-glorja tieghu, il-glorja li ghandu mill-Missier bhala Ibnu l-wahdieni mimli bil-grazzja u l-verità.*

Qari mill-Vangelu skond San Mark 16,15-18.

*Gesù qal lid-dixxipli tieghu: 'Morru fid-dimja kollha, xandru l-Evangelju lill-hoqien kollu. Min jemmen u jitghammed islava; izda min ma jemminx jigi ikkundannat. U dawn huma s-sinjali li jsiehbu lil dawk li jemmnu; f'ismi jkeccu ix-xjaten, jitkellmu b'ilsna godda, jaqbdu s-sriep b'idejhom, u jekk jixorbu xi xorb li jgib il-mewt ma jaghmlilhomx hsara; iqieghdu idejhom fuq il-morda u dawn ifiqu.'*

Qari mill-Vangelu skond San Luqa 10,17-20.

*F'dak iz-zmien it-tnejn u sebghin regghu lura ferhana jghidu: 'Mulej, ix-xjaten ukoll joqghodu f'ismek!' U hu qalilhom: 'Iva, jien kont narah lix-Xitan jaqa' bhal berqa mis-sema. Araw, tajtkom is-setgha li tirfsu fuq sriep u skorpjuni u li tghelbu kull qawwa ta' l-ghadu u ebda hsara ma jaghmlulkom. Madankollu mhux b'dan ifirhu, li l-ispirtu joqghod ghalikom, imma ifirhu ghax ghandkom isimkom miktub fis-smewwiet'.*

Qari mill-Vangelu skond San Luqa 11,14-22.

*F'dak iz-zmien, Gesù kien qieghed ikecci xitan li kien imbikkem. Meta x-xitan hareg, l-imbikkem tkellem, u n-nies staghgbu. Izda xi whud minnhom qalu: 'Bis-sahha ta' Beghelzebul, il-princep tax-xjaten, qieghed ikeccihom ix-xjaten.' Ohrajn biex igarrbuh, riedu minnghandu sinjal mis-sema. Izda hu ntebah x'kienet il-fehma taghhom, u qalilhom: 'Kull saltna maqsuma fiha nfisha ssir herba, u taqa' dar fuq ohra. Jekk ix-xitan ukoll hu kontra tieghu nnifsu, kif se zzomm wieqaf s-saltna tieghu? Ghax intom tghidu li jien bis-sahha ta' Beghelzebul inkecci x-xjaten. Imma jekk jiena qieghed inkecci x-xjaten bis-sahha ta' Beghelzebul wliedkom bis-sahha ta' min ikeccuhom? Ghalhekk huma stess ikunu l-imhallfin taghkom. Izda jekk jiena qieghed inkecci x-xjaten bis-sahha ta' Alla, dan ifisser li waslitilkom is-saltna ta'*

*Alla. Sakemm il-bniedem qawwi u armat tajjeb jghasses il-palazz tieghu, hwejgu jkunu fiz-zgur. Imma jekk wiehed aqwa minnu jaqbez fuqu u jeghelbu, jahtaflu l-armi kollha li fuqhom kien iserrah rasu, u jqassam il-priza tieghu.'*

Mulej isma' t-talba tieghi.
U halli l-ghajta tieghi tasal sa ghandek.
Il-Mulej maghkom.
U mieghek ukoll.

Nitolbu

Mulej li tista' kollox, Iben ta' Alla l-Missier Kristu Gesù, Alla u Sid tal-Hlejjaq kollha, li tajt lill-Appostli tieghek is-setgha li jishqu taht saqajhom is-sriep u l-iskorpjuni li, fost il-kmandamenti meraviljuzi tieghek ghogbok tagmar: 'Harrbu lix-xjaten', u bil-qawwa ta' kelmtek Satana waqa' mis-sema bhal sajjetta; jiena, mimli bil-biza' u t-treghid, jiena, qaddej tieghek bla ma jisthoqqli, nitolbok bil-herqa biex joghgbok tahfirli l-htijiet tieghi kollha, u biex tnissel fija fidi soda u taghtini s-setgha biex nissahhah bil-qawwa ta' drieghek, biex nattakka lil dan ix-xitan krudil b'fiducja kbira u bla ma tigrili ebda hsara. Dan nitlobhulek f'ismek, O Gesù Kristu Sid u Alla taghna, li ghad tigi biex tiggudika l-hajjin u l-mejtin u lid-dinja kollha, bin-nar. Amen.

(Imbaghad, wara li jrodd is-sinjal tas-salib fuqu nnifsu u fuq l-imxajtan, u waqt li jqieghed it-tarf ta' l-istola fuq ghonq l-imxajtan u waqt li jqeghdlu fuq rasu idu l-leminija, jibda jitlob bla ma jaqta' u b'fidi kbira dawn it-talbiet li gejjin:)

Dan hu s-salib ta' Sidna. Aharbu ghedewwa tieghu.
Ha johrog rebbieh l-iljun mit-tribù ta' Guda, l-gherq ta' Gesse.
Mulej, isma' t-talba tieghi.
U halli l-ghajta tieghi tasal sa ghandek.
Il-Mulej maghkom.
U mieghek ukoll.

Nitolbu

O Alla Missier ta' Sidna Gesù Kristu, insejjah l-Isem Qaddis tieghek, u, mixhut hawn quddiemek, nitlob il-hniena tieghek biex joghgbok taghti lili l-ghajnuna tieghek biex inkun niflah nitqabad kontra dan il-ghadu tieghek u kontra kull spirtu moqziez li qed ikasbar lil dan il-bniedem xbieha tieghek. Bi Kristu Sidna.

L-Ewwel Ezorcizmu

Niskungra lilek, spirtu mnigges, kull espressjoni ta' l-ghadu, kull spirtu, kull legjun djaboliku, f'isem Sidna Gesù Kristu, li titlaq minn dan il-holqien ta' Alla. Hu nnifsu jikkmandak, Hu li kkmandak li taqa' mill-gholi tas-smewwiet ghall-postijiet ta' taht. Jikkmandak Hu, li ordna lill-bahar, lill-irjieh u lit-tempesti. Isma' tajjeb u trieghed, Satana, ghadu tal-fidi, ghadu tal-bniedem, kawza tal-mewt, int li tisraq il-hajja, ghadu tal-gustizzja, gherq tal-hazen u tal-vizzji, int li thajjar ghall-ghira, ghajn tar-reghba, kawza tan-nuqqas ta' ftehim, int li tqanqal it-tbatijiet. Ghaliex tirrezisti meta taf li l-Mulej Gesù qered il-progetti tieghek? Ibza' minn dak li gie msebbah fil-figura ta' Izakk, minn dak li gie mibjugh fil-persuna ta' Guzeppi, minn dak li gie maqtul fil-figura tal-haruf li gie mislub bhala bniedem u hareg rebbieh fuq l-infern.

Itlaq fl-isem tal-Missier, u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, halli postok ghall-Ispirtu s-Santu, f'gieh dan is-Sinjal tas-Salib ta' Sidna Gesù Kristu, li mal-Missier u ma' l-istess Spirtu s-Santu hu Alla u jghix u jsaltan ghal dejjem ta' dejjem. Amen.

Mulej, isma' t-talba tieghi.
Ha tasal ghandek l-ghajta tieghi.
Il-Mulej maghkom.
U mieghek ukoll.

Nitolbu : O Alla, Hallieq u difensur ta' l-umanità; int li hlaqt il-bniedem fuq ix-xbieha tieghek, hares lejn dan il-qaddej (qaddejja) tieghek, li inqabad bl-ingann ta' l-ispirtu mnigges u li mieghu (maghha) qed idur l-ghadu antik ta' l-umanità u jimlieh/ha bil-bizghat. Kisser Mulej il-qawwa tax-xitan, bieghed il-qerq tieghu.

Ha jitlaq it-tentatur qarrieq. Il-qaddej (qaddeja) tieghek, ha jkun (tkun) moghni (moghnija) bis-sinjal ta' ismek; ha jhoss (thoss) is-sliem fir-ruh u fil-gisem. Hares dak kollu li hawn fis-sider, fl-intern u fil-qalb; ha jaharbu l-bizghat fiergha ta' l-ghadu. Aghti l-grazzja Mulej, bil-qawwa ta' din is-sejha li qieghda ssir f'ismek, li dak li s'issa kien qed ibezza', jitlaq imbezza' u tellief, biex dan il-qaddej tieghek (din il-qaddejja tieghek) jista' (tista') jaqdik (taqdik), imsahhah (imsahha) fil-qalb u fil-mohh.

It-Tieni Ezorcizmu

Nimponilek, serpent antik, f'isem l-imhallef tal-hajjin u tal-mejtin, il-Hallieq tieghek, il-Hallieq tad-dinja, f'isem dak li ghandu l-qawwa jitfik fil-hniena, biex titlaq mall-ewwel, imbezza' u bl-ezerctu tieghek, minn dan il-

qaddej ta' Alla (din il-qaddejja ta' Alla) li ghamel (ghamlet) rikors ghall-Knisja.

Nimponilek mill-gdid, mhux bil-qawwa tad-dgufija tieghi, imma bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, li tohrog minn dan il-qaddej ta' Alla (din il-qaddejja ta' Alla) li Alla l-aktar gholi halaq fuq ix-xbieha tieghu. Cedi ghalhekk, cedi mhux lili, imma lill-ministru ta' Kristu. Timponihulek il-qawwa ta' dak li rebhek bis-salib tieghu. Trieghed quddiem il-qawwa ta' dak li wara li rebah it-tbatijiet infernali, hareg l-erwieh ghad-dawl.

Ha tidhol fik il-biza' permezz tal-gisem tal-bnedmin, il-biza' permezz tax-xbieha ta' Alla. La tista' tirrezisti u ttawwal li titlaq minn din il-persuna, wara li Kristu ghogbu jghix f'gisem ta' bniedem.

U biex lili ma tistmanix don ta' disprezz, galadarba taf li jiena midneb kbir, jikkmandak Alla. Tikkmandak il-majestà ta' Kristu. Jikkmandak Alla l-Missier. Jikkmandak Alla l-Iben. Jikkmandak Alla l-Ispirtu s-Santu. Jikkmandak il-misteru tas-Salib. Tikkmandak il-fidi tal-qaddisin appostli Pietru u Pawlu, u l-fidi tal-qaddisin appostli kollha. Jikkmandak id-demm tal-martri. Tikkmandak is-safa tal-qalb tal-Konfessuri. Tikkmandak l-intercessjoni qaddisa tal-qaddisin kollha. Tikkmandak il-qawwa tal-misteru tal-fidi nisranija. Itlaq mela ribelli. Itlaq qarrieq, mimli gideb, ghadu tal-virtujiet, persekutur ta' l-inocenti. Itlaq ja qarrieq u hazin. Halli postok lil Kristu, li fih ma hemmx l-opri tieghek: hu nezzghek, qered is-saltna tieghek, sabbtek u rebhek, fixkel il-progetti tieghek u tefghek fid-dlamijiet, il-post finali tieghek u ta' min jimxi warajk. Ghaliex qed tirrezisti u tirrifjuta? Int hati kontra Bin Alla, Sidna Gesù Kristu, li garrabt u minghalik sallabt. Int hati kontra l-umanità li ghaddejtilha l-velenu tieghek u waqqajtha fil-hazin.

Nimponulek ghalhekk, hazin qarrieq f'isem il-Haruf issagrifikat li mexa fuq is-serpenti u hareg rebbieh fuq l-iljun u d-dragun, li titlaq minn dan ir-ragel (din il-mara), li titlaq mill- Knisja ta' Alla. Trieghed u ahrab ghaliex sejjahna l-isem ta' dak il-Mulej li l-infern jibza' minnu; dak li tiegu huma l-virtujiet tas-Sema, il-Qawwiet, id-Dominazzjonijiet; dak li l-Kerubini u s-Serafini jqimu bla waqfien, filwaqt li jghidu: Qaddis, qaddis, qaddis il-Mulej Alla ta' l-ezercti. Jimponilek il-Verb li ha gisem u ghammar fostna. Jimponilek dak li twieled mill-Vergni Marija. Jikkmandak Gesù Nazzarenu li, filwaqt li int kont qed tissielet mad-dixxipli tieghu, ikkmandak li tohrog minn dak il-bniedem, meta ga kont tellief. Dak li quddiem il-prezenza tieghu, filwaqt li obbligak li tohrog minn dak ir-ragel, ma ezitajtx li titolbu tidhol f'merhla qzieqez. Ghalhekk itlaq minn dan ir-ragel (mara), obbligat fl-isem ta' dak li halqu (halaqha). Iebes ghalik tirrezisti. Aktar ma ddum ma titlaq, aktar jizdiedlek il-kastig etern, ghaliex mhux lill-bniedem qieghed tiddisprezza, imma lil dak li hu Sid tal-Hajjin u tal-majtin: dak li

ghandu jigi biex jaghmel il-haqq bin-nar fuq il-hajjin u l-mejtin u z-zminijiet. Amen.

Mulej, isma' t-talba tieghi.
Ha tasal ghandek il-ghajta tieghi.
Il-Mulej maghkom.
U mieghek ukoll.

Nitolbu: Alla tas-sema, Alla ta' l-art, Alla ta' l-Angli, Alla ta' l-Arkangli, Alla tal-profeti, Alla tal-Martri, Alla tal-Vergni; Alla li ghandek is-setgha li taghti l-hajja wara l-mewt, il-mistrieh wara l-gheja ghaliex m'hemmx Alla hliefek, li mhemm xejn veru jekk mhux int, Hallieq tas-sema u l-art, li int veru sultan u li s-saltna tieghek m'ghandiex tmiem: bl-umiltà kollha nitlob il-kobor tal-glorja tieghek biex joghgbok tehles dan il-qaddej tieghek (din il-qaddejja tieghek) mill-ispirti l-hziena. Bi Kristu Sidna. Amen.

It-Tielet Ezorcizmu

Nikkmanda lilek kull spirtu mnigges, lil kull fantazma, lil kull attakk ta' Satana, f'isem Sidna Gesù Kristu Nazzarenu, li wara l-maghmudija ta' Gwanni gie mehud fid-dezert u rebhek f'darek, li ma tkomplix titturmenta dan il-bniedem li Alla halaq mill-art ghall-unur tal-glorja tieghu; u trieghed meta tilmah fil-bniedem mhux id-dghufija umana imma x-xebh ta' Alla l-aktar gholi. Ghalhekk cedi lil Alla li xehtek fl-abbiss, lilek li l-malizzja tieghek, fil-figura tal-Fargun u l-ezerctu tieghu permezz tal-qaddej tieghu Mosè. Cedi lil Alla li harrbek bil-ghana spiritwali mill-persuna tas-Sultan Sawl, permezz tal-qaddej fidil tieghu David. Cedi lil Alla li kkundannak fil-figura tat-traditur, Guda Iskarjota. Ha jilhqek dak li rebhek u li lilu stqarrejt: 'X'hemm bejna u bejnek, Gesù Bin Alla l-Aktar Gholi? Gejt teqridna qabel iz-zmien?' Ha jaharqek bin-nar ta' dejjem dak li fl-ahhar taz-zminijiet ser jghid lill-hziena: 'Itilqu minn quddiemi; morru fin-nar ta' dejjem imhejji gax-xitan u ghall-angli tieghu.' Fil-fatt, ghalik u ghall-angli tieghek ikun hemm dud li ma jmut qatt, nar li ma jintemm qatt. Ghaliex int il-princep ta' l-omicidju mishut; int l-awtur ta' l-incest; int il-kap tas-sagrilegi; int id-duttur ta' l-eretici; int l-inventur ta' kull oxxenità.

Itlaq ghalhekk, itlaq hazin bil-gideb kollu tieghek.

Ghaliex Alla jrid li l-bniedem ikun it-Tempju tieghu. Ghaliex twebbes rasek li tibqa' hawn? Aghti glorja lil Alla l-Missier, l-aktar gholi, li quddiemu tiltewa kull irkobba. Halli postok lill-Mulej taghna Gesù Kristu, li biex jifdi lill-bniedem xerred id-demm qaddis tieghu. Ha jidhol l-Ispirtu s-Santu, li permezz tal-qaddis appostlu Pietru rebhek fil-persuna ta' Xmun is-

sahhar; li kkundanna l-gideb tieghek fil-koppja Hananija u Safira; li qatlek fil-persuna tas-sultan Erodi, li ma riedx jaghti glorja lil Alla. Hu xehtek fit-telfien u permezz ta' l-istess appostlu imponilek li tohrog minn dik li kienet tehber, u kkundannak bil-kelma tieghu.

Ghalhekk, itlaq issa, itlaq qarrieq. Postok hu d-dezert; darek hu s-serpent. Umilja ruhek u inzel. M'ghandekx zmien x'tistenna. Ara dalwaqt jasal il-Mulej, is-Sid. Quddiemu hemm nar li jahraq l-ghedewwa tieghu. Jekk tista' tqarraq lill-bniedem; lil Alla le. Ikeccik hu li quddiemu ma hemm xejn li hu mohbi.

Ikeccik hu, li gall-qawwa tieghu kollox hu sottomess. Ikeccik hu, li hejja in-nar ta' dejjem ghalik u ghall-angli tieghek. Minn halqu tohrog xabla b'zewgt ixfar: hu li ghandu jigi jaghmel il-haqq bin-nar mill-hajjin u mill-mejtin u miz-zminijiet. Amen.

<u>Riflessjoni Zaghzugha fuq it-Talbiet ta' l-Ezorcizmu:</u>

Nixtieq nibda din ir-riflessjoni billi nirreferi ghas-sezzjoni 'Il-Knisja kontra Satana' li tinsab fl-ewwel kapitlu u ntenni mill-gdid li l-Knisja tkompli l-missjoni ta' Kristu fid-dinja kontra l-hazen, kontra Satana u l-angli tieghu. U dan bil-qawwa ta' l-awtorità moghtija lilha minn Kristu nnifsu: *U sejjah it-Tnax, u beda jibghathom tnejn tnejn, filwaqt li tahom is-setgha fuq l-ispirti l-hziena* (Mark 6,7). *Sejjah it-tnax madwaru u tahom il-qawwa u s-setgha fuq ix-xjaten kollha u li jfejjqu l-mard* (Luqa 9, 1).

Gesù jorbot din is-setgha mal-missjoni tal-Knisja li thabbar il-Bxara t-Tajba, kif naqraw f'Mark 16, 15-18: *U qalilhom: 'Morru fid-dinja kollha, xandru l-Evangelju lill-holqien kollu. Min jemmen u jitghammed isalva; izda min ma jemminx, ikun ikkundannat. U dawn huma s-sinjali li jsiehbu lil dawk li jemmnu; f'ismi jkeccu x-xjaten, jitkellmu b'ilsna godda, u jekk jixorbu xi xorb li jgib il-mewt ma jaghmlilhomx hsara; iqieghdu jdejhom fuq il-morda u dawn ifiqu.'*

Mela Gesù jaghti din is-setgha lill-Knisja, u l-Knisja taghzel legittimament sacerdoti biex jaqdu dan il-ministeru. Ghalhekk l-ezorcista jaqdi dan il-ministeru u juza t-Talba ta' l-Ezorcizmu.

Issa li fhimna xi ftit ahjar li Gesù nnifsu ta din l-awtorità lill-Knisja u li l-Knisja tahtar hi l-ezorcisti taghha, nistghu nibdew billi nirriflettu ftit aktar fil-fond fuq is-sbuhija tat-talba ta' l-ezorcizmu. Bla dubju ta' xejn il-qofol ta' din it-talba tidher fl-importanza li tinghata lit-talb f'isem Gesù. U din tirrivela fl-istes hin il-missjoni ta' Gesù li ha s-sura tal-bniedem u sar jixbah lill-bniedem f'kollox barra fid-dnub, u li l-mewt u l-qawmien tieghu kissret il-hidma tax-xitan u l-pjanijiet kollha tieghu.

Jekk hawn xi haga li tkidd lix-xitan u ggaghalu jirvilla f'dawn it-talbiet ta' l-ezorcizmu huwa l-fatt li l-bniedem, minkejja d-dghufijiet kollha tieghu, f'isem Gesù ghandu s-setgha fuq ix-xitan. Hija setgha gejja frott il-mewt u l-qawmien ta' Gesù, mewt u qawmien li sehhew anke minhabba l-fatt li Kristu sar 'Gisem'. Forsi hawn niftakru fil-qdusija tal-gisem, kemm dak ta' Kristu, kif ukoll taghna li huwa wkoll Tempju ta' l-Ispirtu s-Santu: rejaltà ohra li tkidd lix-xitan.

It-talba ta' l-ezorcizmu li ssir f'isem Gesù ggaghalna nirriflettu fuq kemm il-bniedem huwa marbut mal-Hellies tieghu, ma' Gesù nnifsu; kemm hi sabiha il-fidi assoluta fiH, li permezz tieghu nistghu naghmlu c-cahda lix-xitan u lit-tlellix fieragh kollu tieghu; kif il-bniedem, meta hu marbut ma' Gesù, ikisser il-pjan tax-xitan ghalih. U dan bis-sahha tal-fidi fl-Isem ta' Gesù u fit-talb. U forsi wiehed jista' japprezza f'dawn it-talbiet l-insistenza kontinwa ta' l-ezorcista li jikkmanda lix-xitan u jurih li mhux quddiem id-dghufija tieghu irid ibaxxi rasu izda quddiem Bin Alla u Sidna Gesù Kristu li x-xitan minghalih garrab u sallab.

F'dawn it-talbiet wiehed jista' jiggusta r-riferimenti kontinwi ghall-Bibbja, riferimenti li juru r-Rebha shiha ta' Kristu fuq ix-xitan. Dawn ir-riferimenti juru l-fidi taghna fil-qawwa tal-Kelma ta' Alla, Kelma mnebbha mill-Ispirtu s-Santu. Jidhirli ghalhekk li anke t-talba ta' l-ezorcizmu, mzewqa bil-Kelma ta' Alla, hi espressjoni sabiha tas-setgha u tal-ministeru tal-Knisja.

Permezz tat-talba ta} l-ezorcizmu hi l-Knisja kollha li tkun qed titlob ghall-helsien tal-persuna. U forsi hawnhekk nistghu nifhmu s-sbuhija ta' l-awtorità moghtija lill-Knisja minn Kristu u lill-ezorcista mill-Knisja, konxju li ghandu s-support tal-qawwa tal-fidi tal-Knisja kollha inkluza dik ta' Gesù meta kien f'din id-dinja.

## (D) <u>Kelma fuq il-ministeru tal-Fejqan u tal-Helsien</u>

Ahna u nitkellmu fuq ic-centralità ta' Kristu u r-rebha tieghu fuq ix-xitan, id-dnub u l-espressjonijiet kollha tieghu, fosthom anke il-mard, hrigna xi ftit ukoll ghad dawl tal-Ministeru tal-Ezorcistat. U dan rajnieh bhala sinjal u servizz moghti f'isem Gesù Kristu, servizz favur il-helsien spiritwali tal-bniedem li jafda ruhu kompletament fis-setgha ta' l-Imghallem.

Nixtiequ hawnhekk nghidu kelma fuq il-ministeru tal-Fejqan tal-Knisja. Hu ghalhekk proprju fis-servizz favur il-Fejqan f'isem Kristu li rridu nifhmu wkoll is-sbuhija tal-ministeru ta' l-Ezorcista. Zewg kelmiet mela biex qalja qajl inkomplu nifhmu dan is-servizz pastorali fi hdan il-

Knisja, fi hdan il-komunità nisranija. (U verament dawn huma 'zewg kelmiet' fuq dan il-ministeru tant sabih u bzonnjuz fil-komunità nisranija. L-implikazzjonijiet prattici ta' dawn il-ftit idejat, nelaborawhom ftit fit-tul meta nigu biex nitkellmu fuq il-ministeru tal-fejqan fost iz-zghazagh.)

Is-servizz favur il-fejqan shih tal-bniedem hu don gej minn Alla, frott is-salib ta' Gesù, prezenti fil-Knisja bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Is-servizz favur il-fejqan, il-KARIZMA TAL-FEJQAN (ara: 1 Korintin 12,9) hu mela sinjal ta' l-imhabba ta' Alla ghalina; hu sinjal tal-fejqan shih li jinghatalna frott il-qawmien minn bejn l-imwiet ta' Gesù. Fil-fattt nistghu nistqarru li l-ministeru tal-fejqan hu sinjal car tat-tigdid shih tal-bniedem li jsehh bil-qawwa tal-fidwa ta' Sidna Gesù Kristu; tigdid li hu manifestat bic-car f'Marija Omm Gesù.

Niftakru li l-fidwa ta' Gesù Kristu tmiss lill-bniedem shih, spirtu, ruh u gisem. Dan jidher car fil-Vangeli u fil-ministeru tal-Knisja.

Meta nitkellmu mela mis-servizz tal-fejqan, nifhmu fejqan fuq livell spiritwali, livell interjuri u livell fiziku. Kelma fuq il-fejqan spiritwali u fuq il-fejqan interjuri, marbuta spiss mal-ministeru tal-Ezorcistat.

Fuq livell spiritwali, 'il-mard' spiritwali hu d-dnub. Spiss il-fejqan jigi mitlub fuq dnubiet li jkollhom l-gheruq, dnubiet li spiss jkunu saru atteggjament ta' hajja jew vizzju. Il-fejqan mill-'mard' spiritwali jikkonsisti f'dik li nsjehulha, 'il-grazzja tal-konverzjoni'. Il-konverzjoni hija don ta' Alla li titlob bhala kundizzjoni, l-indiema.

Spiss hawnhekk il-fejqan jigi offrut fuq kollox permezz tas-Sagrament tar-Rikonciljazzjoni, mifhum u mghajjex bhan-nies u fil-verità tieghu.

F'dan it-tip ta' fejqan jghin hafna l-atteggjament ta' mhabba li min jitlob il-fejqan isib fjmin ighinu u fis-sacerdot konfessur; tghinu hafna t-talba ta' intercessjoni, jigifieri talb maghmul favur il-grazzja tal-konverzjoni minn persuna ohra, is-smigh tal-Kelma ta' Alla, li ghandha qawwa determinanti fil-fejqan, it-talb ghall-fejqan spiritwali u anke l-hajja nisranija li sseddaq u ssahhah il-grazzja tal-konverzjoni u d-don tal-fejqan!

Il-Kelma ta' Alla titkellem spiss fuq il-fejqan spiritwali. Turina li Alla hu hniena : *Int tixhet f'qiegh il-bahar dnubietna kollha* (Mikea 7,18-20); Alla hu qrib min hu mwegga': *Il-Mulej hu qrib minn ghandu qalbu maqsuma* (Salm 34,19); Alla jilqa' t-talba tal-bniedem midneb u niedem: *Ikollok hniena minni, o Alla fi tjubitek....* (Salm 51); il-Mulej ifejjaq il-qlub : *ifejjaq il-qlub maqsuma u jdewwi l-grieh taghhom* (Salm 147,3).

Il-Gdid Testment ifakkarna li Kristu mislub hu l-fejqan taghna: *Bil-griehi tieghu fejjaqna* ( 1 Pt 2,24).

Bizzejjed wkoll niftakru fil-parabboli tan-naghga u tal-munita mitlufa u fil-parabbola tal-Missier hanin quddiem l-iben il-hali fil-Kapitlu 15 tal-

Vangelu ta' San Luqa. San Gakbu jinsisti fuq l-istqarrija tad-dnubiet u l-ghajnuna lejn xulxin f'5,16:

*Stqarru dnubietkom lil xulxin u itolbu ghal xulxin.* Gesù nnifsu jghaddi s-setgha tal-fejqan u l-mahfra tad-dnubiet lill-Knisja, dakinhar stess tal-qawmien tieghu mill-imwiet: *Hudu fuqkom l-Ispirtu s-Santu. Dawk li tahfrulhom dnubiethom, ikunu mahfura* (Gwanni 29,22-23).

Fuq livell interjuri nitkellmu fuq il-fejqan tal-feriti emozzjonali, dawk marbuta mal-qalb; il-feriti fil-memorja, dawk marbuta mal-mohh; u l-feriti fl-atteggjament, dawk marbuta mal-hajja.

L-atteggjament li jghin hafna, anzi hu kundizzjoni essenzjali ta' mixja ta' fejqan interjuri, jikkonsisti fl-imhabba. Fl-ahhar mill-ahhar, hi l-imhabba biss li tfejjaq il-qlub taghna. Niftakru ftit fil-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb.... hi l-imhabba tieghu biss, l-interess tieghu, il-kura tal-'vittma', li tibda l-process tal-fejqan!

It-talb tal-fejqan fuq dawn il-feruti....l-ewwel u qabel kollox irid ikun sinjal ta' mhabba, ta' interess, ta' kura ta' min qed jitlob fuq il-persuna. Hi talba li trid tghin lill-persuna tidhol fid-dawl tal-prezenza ta' Alla biex titnissel il-mahfra u l-istess imhabba f'min ihossu ferut u bzonnjuz tal-fejqan.

F'dan il-process ta' fejqan huma importanti hafna s-sincerità u s-smigh tal-Kelma ta' Alla, it-talb quddiem l-Ewkaristija u x-xbieha ta' l-imsallab, kif anke t-talb herqan ta' intercessjoni maghmul ghall-persuni li qed jitolbu l-fejqan.

Anke hawn, il-Kelma ta' Alla, theggeg il-process tal-fejqn interjuri. Theggeg ghall-fiducja f'Alla li hu mhabba: *Jiena habbejtek b'imhabba ta' dejjem, ighid il-Mulej* (Geremija 31,3); is-salmista jitlob ghall-fejqan interjuri: *fejjaq id-dwejjaq ta' qalbi* (Salm 25,17); Alla jaghraf lil qalbna: *Alla jgharbel il-qalb* (Sirak 42,18); Alla jfejjaq il-passat taghna: *La tahsbux fuq dak li ghadda!* (Izaija 43,18); Alla jaghti qalb gdida lill-bniedem: *Naghtikom qalb gdida u ruh gdida* (Ezekjel 36,26).

Anke l-Gdid Testment juri li Alla hu Missier, ihobbna u jrid il-fejqan taghna: *Hu Missier il-hniena u ta' kull farag* (2 Korintin 1,3); Gesù nnifsu jsejjah lil kulhadd lejh: *Ejjew ghandi intom li tinsabu mhabbtin u mtaqqlin... u jiena nserrahkom* (Mattew 11,28). Il-fejqan interjuri jghinna biex nikkultivaw is-sentimenti ta' Kristu fina: *Ahsbu bhal ma kien jahseb Sidna Gesù Kristu* (Filippin 2,5).

Il-mixja tal-fejqan spiritwali u nterjuri jsahhah il-fidi taghna, fidi li hi frott il-mixja taghna wara u ma' Gesù Kristu. Il-fejqan isahhah fina l-imhabba, l-imhabba lejn Alla u l-imhabba lejn l-ohrajn. U proprju min izomm shih sa l-ahhar fl-imhabba jsalva!

(i) Xi talbiet

Spiss jitolbuna talbiet biex jintuzaw kemm individwalment kif ukoll fi gruppi li jitolbu ghall-fejqan u l-helsien.

Kull talba hija tajba! Kull talba li twieldet fil-qalb taghna, kull talba maghmula bil-fidi u bl-imhabba, kull talba li ssir bil-fiducja shiha fil-qawwa tal-Mulej u skond ir-rieda tieghu. Il-Mulej iwiegeb dejjem, kif u meta jrid li ssehh bis-shih ir-rieda tieghu fina.

Talbiet li jipprestaw ruhhom b'mod eccellenti ghall-fejqan u l-helsien taghna huma talbiet li nsibu fil-Bibbja, fil-Ktieb tas-Salmi. Dan ghaliex is-Salmi huma talbiet mnebbha minn Alla, bil-qawwa li jfejjqu ghax iqanqlu t-tifhir, il-fiducja, l-indiema u l-abbandun komplet f'idejn Alla. Hawn ser ingibu xi ezempji ta' Salm u xi ezempju ta' xi talbiet li jintuzaw fil-ministeru tal-fejqan.

Naturalment, dawn it-talbiet jifthulna qalbna ghall-prezenza li tfejjaq u tehles tal-Mulej, jekk huma msejsa fuq il-hajja nisranija li tittiehed b'impenn generuz, b'hajja nisranija mibnija fuq is-Sagrament tar-Rikonciljazzjoni u fuq is-Sagrament ta' l-Ewkaristija u t-tqarbin u fuq il-hajja tat-talb u ta' l-imhabba.

Erba' Salmi u riflessjoni zaghzugha fuqhom

Salm 51

Il-qalb niedma u soghbiena

*Ikollok hniena minni, o Alla, fi tjubitek;*
*fil-kobor tal-hniena tieghek hassar htijieti.*
*Ahsilni kollni mill-htija tieghi;*
*naddafni mid-dnub tieghi.*
*Ghax jien naghrafhom htijieti;*
*id-dnub tieghi dejjem quddiemi.*
*Kontrik biss jiena dnibt,*
*u dak li hu hazin f'ghajnejk ghamilt.*
*Hekk jingharaf is-sewwa tal-kelma tieghek,*
*u bla tebgha jidher il-haqq tieghek.*
*Ara, jiena ssawwart fil-htija,*
*u fid-dnub nisslitni ommi.*
*Int li thobb il-qalb sinciera,*
*ghallimni l-gherf fil-fond ta' qalbi.*
*Roxxni bl-ilma, u nissaffa;*
*ahsilni u aktar mis-silg nibjad.*

*Aghmel li nisma' l-ferh u l-hena,*
*biex ghadmi li int shaqt, jithenna.*
*Dawwar wiccek minn htijieti;*
*hassar hzuniti kollha.*
*Ohloq fija qalb safja, o Alla,*
*u spirtu qawwi gedded fija.*
*La twarrabnix minn quddiemek;*
*tnehhix minni l-ispirtu qaddis tieghek.*
*Roddli l-hena tas-salvazzjoni tieghek,*
*u bi spirtu qalbieni wettaqni.*
*Lill-midinbin nghallem triqatek,*
*u l-hatjin lejk jergghu lura.*
*Ehlisni mill-piena tal-mewt, o Alla,*
*Alla tas-salvazzjoni tieghi;*
*u lsieni jfahhar il-gustizzja tieghek.*
*Iftahli xufftejja, Sidi,*
*u fommi jxandar it-tifhir tieghek.*
*Ghax lilek ma joghgbokx is-sagrificcju;*
*noffrilek vittmi mahruqa, u ma tilqaghhomx.*
*Is-sagrificju tieghi, o Alla, hu l-qalb niedma;*
*qalb maqsuma u soghbiena ma twarrabhiex, o Alla.*
*Aghmel il-gid lil Sijon fi tjubitek;*
*erga' ibni l-hitan ta' Gerusalemm.*
*Mbaghad tilqa' bil-qalb vittmi xierqa,*
*sagrificcji ta' vittmi mahruqa u mitmuma;*
*mbaghad joffrulek ghogiela fuq l-artal tieghek.*

Salm penitenzjali li johrog ghad-dawl l-esperjenza sabiha li s-salmista ghamel wara li rcieva l-mahfra li giet barra minnu. U forsi s-sbuhija ta' dan is-salm tidher fil-kliem haj ta' umiltà u fiducja li tqanqal minn qalb soghbiena li taghraf u tistqarr il-htija taghha, titlob il-mahfra, u tistrieh fil-hbiberija gdida ma' Alla. U jekk forsi ahna naqraw dan is-salm bir-reqqa nistghu napprezzaw il-mixja nisranija tar-rikonciljazzjoni. Is-sbuhija ta' din il-mixja tqanqal atteggjament ta' ferh u helsien u mhux ta' min jimmissja opportunità li tghix hajja hekk sabiha, anke b'dan il-mod.

<u>Salm 23</u>
Il-Mulej hu r-raghaj tieghi
*Il-Mulej hu r-raghaj tieghi,*
*xejn ma jonqosni;*
*f'merghat kollha hdura jqeghedni.*

*Hdejn l-ilma, fejn nistrieh, jehodni;*
*hemm hu jrejjaqni.*
*Imexxini fit-triq tas-sewwa*
*minhabba l-isem tieghu.*
*Imqar jekk nimxi f'wied mudlam,*
*ma nibzax mill-hsara, ghax inti mieghi.*
*Il-hatar tieghek u l-ghaslug tieghek,*
*huma jwennsuni.*
*Int thejji mejda ghalija*
*quddiem l-ghedewwa tieghi.*
*Biz-zejt tidlikli rasi,*
*u l-kalci tieghi tfawwarli.*
*Mieghi iva jimxu it-tjieba u l-hniena*
*il-jiem kollha ta' hajti.*
*U nghammar f'dar il-Mulej*
*sakemm indum haj!*

David tant jaghmel esperjenza ta' tjieba u hniena, li jimtela bil-fiducja f'Alla u jxebbhu ma' raghaj li jiehu n-nghag tieghu u ma' wiehed li jhejji l-mejda b'ikel bnin. Is-salmista jesprimi wkoll il-harsien u l-providenza ta' Alla. U forsi huma proprju dawn iz-zewg karatteristici li f'dan il-mument ghandhom iqanqlu l-qalb taghna sabiex nirringrazzjaw u nbierku lil Alla. Mhux biss li tana d-don tal-hajja, imma wkoll li ghogbu jhejji pjan uniku ta' salvazzjoni ghal kull wiehed u wahda minna, moghni bil-harsien u l-providenza tieghu.

<u>Salm 5</u>
Talba ghall-ghajnuna kontra l-hazen
*Mulej aghti widen ghal kliemi;*
*aghti kas tat-tnehid tieghi.*
*Isma' l-ghajat tat-talb tieghi,*
*ghax lilek jiena nitlob.*
*Mulej, filghodu int tisma' lehni,*
*filghodu nressaqlek talbi, u nistenna.*
*Ghax int m'intix Alla li thobb il-hazen;*
*il-hazin ma jsibx postu ghandek.*
*Ma jiqfux il-kburin quddiem ghajnejk;*
*int tobghod kull min jaghmel id-deni.*
*Int teqred min jitkellem bil-gideb.*
*Nies qattiela u qarrieqa jistmellhom il-Mulej.*
*Imma jien ghat-tjieba kbira tieghek*

*nista' nidhol gewwa darek;*
*ninxtehet quddiem is-santwarju mqaddes tieghek,*
*mimli bil-biza' tieghek.*
*Mexxini, Mulej, fis-sewwa tieghek*
*minhabba l-ghedewwa tieghi;*
*wittili t-triq tieghek quddiemi.*
*Is-sewwa m'huwiex fuq fommhom,*
*qalbhom bil-hazen mimlija;*
*halqhom bhal qabar miftuh,*
*imellsu biss bi lsienhom.*
*Ha jiehdu, o Alla, il-hlas li haqqhom;*
*ha jaqghu bit-tnassis taghhom.*
*Warrabhom ghall-hafna htijiet taghhom,*
*ghax kontrik haduha.*
*Ha jifirhu dawk li jafdaw fik, u jithennew ghal dejjem;*
*harishom, u bik jithennew dawk li jhobbu 'l ismek.*
*Ghax int tbierek il-gust, Mulej;*
*int thaddnu bhal tarka bi tjubitek.*

Is-salmista jipprezenta esperjenza komuni fl-umanità tal-bniedem, izda l-mod kif jaghmel att ta' fiducja fil-Mulej mhuwiex atteggjament komuni ghax huwa difficli li tkun umli, ghalkemm huwa possibli. Dan is-salm fih diversi stadji li taghhom is-salmista jaghmel esperjenza. Se nippruvaw inqabbluhom mal-hajja taghna, filwaqt li nipprezentaw alternattiva possibli: jibda billi jitlob ghall-ghajnuna kif jaghmel kulhadd f'mumenti difficli. Il-bzonn ghall-ghajnuna tagti r-raguni ghat-talb u l-fiducja minflok ir-ribelljoni u s-suppervja. Ghas-salmista, it-talba ssir dawl. Ghal dak li jirribella u jissuppervja l-istess agir tieghu isir dlam. Is-salmista jiftakar li minkejja l-mumenti difficli hemm hena ghat-tajbin kollha. Dak li jirribella ma jafx jaffronta l-isfida tad-dwejjaq li tieghu jaghmel esperjenza, ghax qieghed fid-dlam. Is-salmista jistqarr kif jimxi Alla mal-gust. Min ma jaccettax dan ikollu jistqarr kif jimxi x-xitan ma' wliedu. Imma int, f'mument difficli, liema triq ha taghzel?

<u>Salm 86</u>
Talba fin-niket
*Aghti widen, Mulej, u wegibni,*
*ghaliex jiena u msejken u fqajjar.*
*Salva l-qaddej tieghek, ghax fik jittama.*
*Int Alla tieghi, henn ghalija, Sidi,*
*ghax lilek nghajjat il-hin kollu.*

*Ferrah ruh il-qaddej tieghek,*
*ghax lejk, Sidi, jiena nerfa' ruhi.*
*Ghax int, Sidi, twajjeb u tahfer,*
*kollok tjieba ghal kull min isejjahlek.*

*Aghti widen, Mulej, ghat-talba tieghi,*
*isma' l-lehen ta' l-ilfiq tieghi.*
*F'jum in-niket tieghi nsejjahlek,*
*ghax inti zgur twegibni.*
*Hadd m'hu bhalek fost l-allat, Mulej,*
*u xejn bhall-ghemil tieghek.*
*Il-gnus kollha, li ghamilt, jigu jinxtehtu quddiemek,*
*u jsebbhu ismek, Sidi.*
*Ghax kbir int, u ghemejjel ta' l-ghageb taghmel;*
*int wahdek Alla!*
*Urini, Mulej, triqatek,*
*biex nimxi fis-sewwa tieghek;*
*aghtini qalb wahda biex ikolli l-biza' ta' ismek.*
*B'qalbi kollha nizzik hajr Mulej Alla tieghi,*
*u nsebbah ismek ghal dejjem.*
*Ghax kbira hi t-tjieba tieghek mieghi,*
*int hlistni minn qiegh l-imwiet.*
*O Alla, nies kburin qamu ghalija,*
*gemgha nies qawwija jonsbuli hajti;*
*huma nies li ma jaghtux kasek.*
*Int, Alla Sidi, hanin u twajjeb,*
*iddum biex taghdab u kollok fedeltà.*
*Hares lejja u henn ghalija,*
*aghti qawwa lill-qaddej tieghek,*
*salva l-iben tal-qaddejja tieghek.*
*Urini sinjal ta' tjubitek,*
*ha jaraw u jithawwdu l-ghedewwa tieghi;*
*ghax int, Mulej, tghinni u tfarragni.*

Is-salmista jdur lejn Alla u jaghmel att ta' fiducja anke f'mumenti difficli meta jigi ppersegwitat u mnikket. Hu jzewwaq dan il-mument ta' dieqa b'tifhir u radd il-hajr, konxju tas-setgha u tal-kobor ta' Alla. U fl-istess hin jaghti ezempju lilna, ghax jipprezentalna l-ghazla li ninfethu ghall-prezenza tal-Mulej f'mument difficli, inissel fina t-tifhir u l-glorja li Hu jisthoqqlu. Hekk ukoll ahna: ikun kemm ikun difficli l-mument taghna, nghixuh fit-tifhir...ghax Hu jghammar fit-tifhir.

Talba ta’ helsien u fejqan

Missier it-tjieba, Missier l-imhabba,
inberkuk, inqimuk u nroddulek hajr
ghaliex f’imhabbtek tajtna lil Ibnek Gesù.
Inroddulek hajr, Missier,
ghaliex bil-qawwa ta’ l-Ispirtu s-Santu
nifhmu li Kristu Ibnek huwa d-Dawl,
il-Verità,
ir-Raghaj it-Tajjeb,
li gie biex ahna jkollna l-hajja
u l-hajja bil-kotra.
Illum Missier qaddis,
nipprezentawlek lil dawn uliedek.
Int taghrafhom b’isimhom.
Nipprezentawhomlok biex int thares
b’harsa ta’ tjieba fuq l-istorja tal-hajja taghhom.
Int taghraf lil qalbhom.
Int taghraf il-feriti ta’ l-istorja taghhom.
Int taghraf dak kollu li ghamlu:
dak li xtaqu jaghmlu u ma ghamluhx,
il-limiti taghhom, l-izbalji taghhom,
id-dnubiet taghhom.
Illum Missier qaddis,
nitolbuk, f’isem l-imhabba tieghek
ghal Gesù Kristu:
sawwab l-Ispirtu Qaddis tieghek
fuq dawn uliedek;
aghmel li jimtlew bl-Ispirtu li jaghti l-hajja.
Ha jissawwab fihom;
Ha tissawwab fihom
l-imhabba qawwija tieghek,
ha jinzel sa gol-qiegh ta’ qalbhom.
Int li tfejjaq il-qlub midruba,
fejjaq u ehles minn kull hazen,
Missier hanin,
lil dawn uliedek.
Idhol f’qalbhom,
bhalma dhalt fic-Cenaklu,

fost id-dixxipli mbezzgha.
Int dhert f'nofshom u ghidtilhom:
'Is-Sliem ghalikom!'
Idhol f'dawn il-qlub u aghtihom is-sliem tieghek.
Aghtihom l-imhabba tieghek.
Nafu li l-imhabba tbieghed il-biza'.
Ghaddi fl-istorja tal-hajja taghhom
u fejjaq lil qlubhom.
Nafu u nemmu, Mulej,
li dan inti taghmlu meta ahna nitolbuk.
U ahna dan nitolbuhulek flimkien ma' Ommok Marija
li kienet prezenti fit-tieg ta' Kana
meta naqas l-inbid tal-ferh, tas-sliem,
tal-helsien u tal-fejqan.
Int biddilt l-ilma f'inbid fuq xewqa ta' Ommok.
Biddel il-qlub ta' wliedek;
aghtihom qalb generuza, qalb docli,
qalb mimlija tjubija, mhabba: qalb gdida.
Idhol b'qawwa fil-hajja ta' dawn uliedek.
Sawwab fihom id-doni
ta' l-Ispirtu Qaddis tieghek:
sawwab fihom l-imhabba, is-sliem, il-ferh,
ix-xewqa li jfittxuk b'qalbhom kollha kuljum.
Sawwab fihom il-ferh, fil-familji taghhom,
fost l-ahwa, fihom infushom.
Inroddulek hajr b'qalbna kollha, Missier qaddis,
ghaliex int tfejjaqna,
int tehlisna,
int tkisser il-jasar taghna u taghtina l-helsien ta' wlied Alla.
Inroddulek hajr Mulej,
ghaliex ahna tempji ta' l-Ispirtu qaddis tieghek,
tempju li ma jistax jinqered,
ghaliex hu dar ta' Alla.
Inroddulek hajr Mulej,
ghall-fidi, ghall-imhabba li inti sawwabt fil-qlub taghna.
Kemm int kbir Mulej!
Ha tkun imbierek u mfahhar issa,
u ghal dejjem ta' dejjem.

<u>Talba ta' Helsien</u>

Spirtu tal-Mulej, Spirtu ta' Alla, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, Trinità Qaddisa, Vergni Immakulata, Angli, Arkangli u Qaddisin ta' Alla, inzlu fuqna lkoll.

Imliena Mulej, iffurmana, uzana u ghammar fina lkoll. Ehlisna mill-qawwiet tal-hazen, eqridhom u aghmel li nghixu t-tajjeb u naghmlu dak li hu tajjeb.

Ehlisna mill-maghmul, mill-magija s-sewda, mill-quddiesa s-sewda, mis-sahta, mill-infestazzjoni djabolika, mill-ossessjoni djabolika, mill-possessjoni djabolika. Ehlisna minn dak kollu li hu hazin: id-dnub, l-ghira, il-mibeghda, il-mard fiziku, psikiku, morali, spiritwali, djaboliku.

Ahraq dan kollu fl-infern, biex ma jmissuniex u l-ebda hlieqa fid-dinja.

Nordna u nikkmanda bil-qawwa ta' Alla l-Aktar Gholi, fl-Isem ta' Gesù Kristu Feddej u Hellies, bl-Intercessjoni tal-Vergni Immakulata, lill-Ispirti hziena kollha, lill-prezenzi li jdejquna, li jhalluna immedjatament u definittivament; ha jintbaghtu fl-infern ta' dejjem, marbuta minn San Mikiel Arkanglu, minn San Gabrijel, minn San Rafel, mill-Angli Kustodji taghna, mirfusa taht riglejn il-Vergni Immakulata.

Lill-Mulej Gesù

Gesù Feddej,
Mulej u Alla tieghi,
Alla tieghi u kollox tieghi,
li bis-sagrificcju tas-salib fdejtna
u rbaht il-qawwa ta' Satana,
nitolbok tehlisni minn kull presenza hazina
u min kull influwenza tal-hazen.
Dan nitlobhulek f'Ismek,
nitlobhulek f'gieh il-pjagi tieghek,
nitlobhulek f'gieh id-demm tieghek
nitlobhulek f'gieh is-salib tieghek
nitlobhulek bl-intercessjoni ta' Marija
Immakulata u Addolorata.
Id-demm u l-ilma li johorgu mill-kustat imqaddes tieghek
jahsluni u jsaffuni, jehilsuni u jfejquni.
Amen.

Lil Marija

Sultana tas-sema u ta’ l-Angli,
lilek li rcevejt minn Alla
il-qawwa u l-missjoni
li tishaq ras Satana,
ahna nitolbuk umilment
li tibghatilna l-angli qaddisa
biex fuq kmand tieghek
jehduha kontra l-ispirti l-hziena
u jibghatuhom fl-abissi tat-telfien.
Lilna qaddisna
f’Isem Ibnek il-ghaziz
Mulej u Alla taghna
Amen.

Lil San Mikiel

San Mikiel Arkanglu
harisna fit-taqbida;
fit-tigrib tax-xitan
kun int l-ghajnuna taghna.
Dan nitolbuk mill-qalb
imqanqlin mill-kelma tal-Mulej.
U int, princep tal-milizji tas-sema,
bil-qawwa li tigik minn Alla,
erga’ ibghat lil Satana
u lill-Ispirti hziena fl-infern.
Dan nitolbuh f’Isem
Kristu Sidna,  Amen.

<u>Talba ghall-Fejqan Interjuri</u>

Mulej Gesù int li gejt tfejjaq il-qlub maqsuma, nitobok li tfejjaqni mill-feriti li jweggghu lill-qalb tieghi.

Nitolbok partikolarment li tfejjaq il-feriti li huma kawza tad-dnub. Nitolbok tidhol fil-hajja kollha tieghi u tfejjaqni mill-feriti ta’ meta kont zghir, il-feriti li ili ngorr matul hajti kollha.

Mulej Gesù int li taghraf il-problemi tieghi; inqieghdhom fil-qalb tieghek, int li int ir-Raghaj it-tajjeb. Nitolbok li bil-qawwa tal-pjagi tieghek, tfejjaq il-feriti tieghi.

Fejjaqni fil-memorja tieghi biex dak kollu li grali ma jhallinix fin-niket u fl-inkwiet.

Fejjaq Mulej Gesù dawk il-feriti, li fil-hajja tieghi saru kawza ta' l-gheruq ta' dnubieti. Jiena rrid nahfer lil dawk li weggghuni; hares u fejjaq dawk il-feriti li ma jhallunix nahfer u nhobb.

Int li gejt tfejjaq il-qlub midruba, fejjaq lil qalbi. Fejjaq dawk il-feriti li huma kawza ta' mard fiziku. Jien noffrilek lil qalbi: ilqaghha Mulej, saffiha u aghtini s-sentimenti ta' qalbek qaddisa. Ghallimni l-umiltà.

Aghtini Mulej il-fejqan mill-ugigh li jigi mill-mewt ta' min hu ghaziz ghalija. Sahhah fija s-sliem u l-ferh u l-fidi shiha li inti l-qawmien u l-hajja.

Ghamilni xhud tal-qawmien tieghek, tar-rebha tieghek fuq id-dnub u l-mewt, xhud tal-prezenza hajja tieghek fostna. Amen.

(ii) <u>Kelma u talba fuq il-Mahfra</u>

Jekk hawn diskors li nkunu qed nonqsu jekk ma nitkellmux fuqu, kemm jekk nitkellmu minn ministeru ta' fejqan u kemm min ministeru ta' l-Ezorcistat, dan huwa d-diskors fuq il-mahfra.

*Mulej, xi kemm-il darba irid jonqosni hija biex jiena nahfirlu? Sa seba' darbiet? Ma nghidlekx sa seba' darbiet, wiegbu Gesù, imma sa sebgha u sebghin darba* (Mattew 18, 21-22).

## IL-MAHFRA TFEJJAQ!

Wahda mill-isfidi tal-hajja nisranija hi n-nuqqas ta' mahfra; imma fil-fatt hija l-mahfra li taghmilna kapaci nhobbu, tghinna nikbru, thabbibna ma' l-ohrajn, thares l-ispirtu u lill-gisem taghna.

**Il-mahfra hija ghajn ta' helsien**, tfejjaq il-feriti kkawzati mill-antipatija, ggedded lill-persuni, liz-zwigijiet, lill-familji, il-komunitajiet u l-hajja socjali.

**Il-mahfra hija c-cavetta tar-relazzjoni** taghna ma' Alla, ma' l-ohrajn u maghna nnifisna.

**Il-mahfra hija bzonn**: ma nistghux nghaddu minghajr il-mahfra. Jekk ma nahfirx, ma nistax nigi mahfur.

**Il-mahfra hija decizjoni:** mhijiex sentiment imma att tar-rieda hielsa taghna. Nahfer anke jekk 'ma nhossnix'. Il-mahfra hija decizjoni li nhobb lill-ohrajn kif inhuma.

**Il-mahfra hija atteggjament ta' hajja** tan-nisrani li jaccetta li jahfer dejjem, lil kulhadd, ghal kull haga.

**Il-mahfra hija process**, hidma biex nikbru u niksbu helsien interjuri. Ma ninsewx li certi esperjenzi huma daqshekk iebsin li jridu z-zmien biex jissahhu dejjem aktar bil-mahfra.

<u>Lil min ghandna nahfru?</u>

Kif il-kmandament ta' l-imhabba iheggigna biex inhobbu lil Alla, lill-ohrajn u lilna nfusna, bl-istess mod il-mahfra taghna trid tigi indirizzata lejn dawn it-tlett direzzjonijiet.

Spiss irridu 'nahfru' lil Alla. Lejh ikollna sentimenti ta' rizentiment quddiem ir-rejaltà tal-mard, tal-mewt, id-disgrazzji, l-iebes tal-hajja. Jidher li rridu nahfru lil Alla ghal dan kollu, ghax ir-rizentiment spiss jostakola l-fejqan. Forsi din il-haga tidher stramba u rari: imma kemm persuni, konxjament jew inkonxjament, iwahhlu f'Alla ghad-disgrazzji taghhom!

Irridu nahfru lill-ohrajn. Il-Bibbja titkellem hafna fuq dan. Il-mibeghda hija l-ikbar ostaklu biex wiehed jircievi l-fejqan u l-helsien. Il-mibeghda spiss twassal ghal mard spiritwali, emozzjonali u anke fiziku.

Irridu nahfru lilna nfusna qabel ma nkunu kapaci nahfru lill-ohrajn. Li tahfer lilek innfsek ifisser taccetta lilek innifsek fl-aspetti kollha: spiritwali, psikologici, fizici u socjali. Ifisser temmen li l-Mulej Gesù jahfer kull aspett, kull zball...u ghalhekk is-sens ta' htija mghandux ghalfejn irabbi l-gheruq fejn hemm il-mahfra....il-mahfra shiha.

<u>Talba ghall-mahfra</u>

Mulej Gesù, aghtini l-Ispirtu Qaddis Tieghek,
Spirtu ta' mhabba u mahfra,
biex jghinni u jmexxini f'din it-talba ta' mahfra;
Hu jaghtini l-qawwa biex nahfer lil kulhadd,
kif inti stess hfirt.
Mulej Gesù Kristu, illum nitolbok taghtini
l-grazzja lill-persuni kollha ta' hajti.
Naf li inti taghtini l-qawwa.
Inroddlok hajr ghax thobbni u tixtieq il-ferh tieghi.

**Mulej, nahfirlek** gal dawk il-mumenti kollha li kont nahseb int kont il-kawza tad-disgrazzji tieghi, meta n-nies qalu li dawn l-affarijiet kienu 'r-rieda ta' Alla'. Nahfirlek ghad-diffikultajiet, ghall-problemi finanzjarji, li

jiena hsibt li int kont qed tohloqhom. Mulej, hu possibli li jiena zammejt f'qalbi ghal dan u ghalhekk nahfirlek minn qalbi.

Mulej, nahfer **lili nnifsi**, l-izbalji tieghi, il-htijiet tieghi u l-konsegwenzi taghhom. Nahfer lili nnifsi ghall-gheluq tal-qalb tieghi ghalik, ghall-ohrajn u lejja nnifsi; nahfer id-decizjonijiet zbaljati kollha li hadt, id-dwejjaq tieghi; nahfer lili nnifsi ghall-kalunnji li xerridt, ghall-gudizzji tieghi, ghall-hsara li ghamilt lill-ohrajn, u ghal dawk il-mumenti kollha li ma hfirtx lil haddiehor.

Nahfer lili nnifsi ghax ma accettajtx lili nnifsi kif jien: il-persuna tiegi, is-sitwazzjoni personali u familjari tieghi, gismi u s-sesswalità tieghi, is-sens ta' htija tieghi, l-egoizmi tieghi. Nahfer lili nnifsi kollox, Mulej; naccetta lili nnifsi kif jien u nintelaq fl-imhabba kollha hniena tieghek.

Nahfer lil **ommi**, il-mumenti li fihom ma tatnix imhabba u ma fehmitnix. Nahfrilha ghal dawk il mumenti li zammet f'qalbha kontrija, irrabbjat mieghi u kkastigatni. Nahfrilha jekk ippreferiet lil huti u meta weggghatni bi kliemha, b'ghemilha u meta qaltli kemm batiet biex gabitni fid-dinja u rabbietni. Nahfrilha jekk qaltli li ma kontx ippjanat, li twelidt bi zball u li jien miniex dak li xtaqet. Nahfer in-nuqqas ta' mhabba u mpenn taghha lejn il-familja tieghi. Nahfrilha minn qalbi ta' kollox, Mulej, u nitolbok tberikha.

Nahfer lil **missieri**, in-nuqqas ta' mhabba u stima tieghu lejja; nahfirlu ghan-nuqqas ta' interess li wera fija, ghall-mumenti kollha li pprefera il-bar, il-loghob, il-kazin minni; nahfirlu ghax-xorb tieghu, ghall-glied li qajjem fil-familja. Nahfirlu ghar-rabja tieghu kontrija, ghan-nuqqas ta' mhabba u mpenn lejn il-familja tieghi. Nahfirlu minn qalbi ta' kollox, Mulej, u nitolbok taghnih bil-barka tieghek.

Mulej, nahfer **lil huti**. Nahfrilhom ghal kemm-il darba warrbuni, giddbu fuqi, baghduni. Nahfrilhom ghall-mumenti li riedu jakkapparraw l-imhabba tal-genituri, sawwtuni u gamlu difficli l-hajja tieghi. Nahfrilhom l-ingustizzji kollha fil-qsim tal-wirt u l-antipatija li zammew f'qalbhom. Mulej, nahfrilhom minn qalbi u nitolbok tghinhom bl-imhabba tieghek.

Mulej, nahfer **lir-ragel/lil marti**: nahfer in-nuqqas ta' mhabba, ta' attenzjoni, ta' rispett, ta' komunikazzjoni, ta' appogg. Nahfer l-izbalji, il-waqghat, id-dghufijiet, it-tradimenti, il-kliem u l-ghemil li umiljawni, offendewni u kkwazali feriti ta' kull tip. Nahfer in-nuqqas ta' ftehim, in-nuqqas ta' ghaqda u l-istrumentalizzazzjoni sesswali. Nahfer minn qalbi. Bierek b'imhabbtek lir-ragel/lil mara tieghi.

Mulej, nahfer **lil uliedi:** ghan-nuqqas ta' rispett, ta' mhabba, ta' ubbidjenza. Nahfrilhom in-nuqqas ta' ftehim, il-glied, id-dagha u l-immoralità taghhom. Nahfer id-decizjonijiet zbaljati taghom, l-izbalji u l-

vizzji taghhom, il-hbiberijiet hziena.  Nahfrilhom talli abbandunaw lill-Knisja.  Nahfer l-gheluq u l-egoizmu taghhom.  Nahfrilhom minn qalbi, Mulej, u nitolbok timliehom bl-imhabba tieghek.

Mulej, nahfer lil **qrabati**:  nahfrilhom il-kritika taghom, it-tfixkil li ghamluli, il-kalunnji taghom, l-indhil zejjed taghom, il-firda li holqu. Nahfrilhom il-hsara li ghamluli.  Nahfrilhom meta ma ghenunix. Nahfrilhom minn qalbi, Mulej.

Mulej, nahfer lill-**ghalliema** tieghi, nahfer il-mumenti li fihom ma kienux edukaturi, meta ma fehmunix u ma ghenunix;  nahfrilhom meta ghaddewni biz-zmien, meta insultawni.  Nahfrilhom minn qalbi ta' kollox.

Mulej, nahfer lis-**sacerdoti u lir-religjuzi** li ma ghenunix, nahfer l-gheluq taghom, nahfer l-ezempju hazin taghhom u l-mumenti li fihom beghduni mill-fidi.  Nahfrilhom minn qalbi, Mulej, u nitolbok tberikhom.

Mulej, nahfer **lit-tobba, lin-nurses, l-imhallfin, l-avukati, il-pulizija, l-impjegati u lin-nies kollha li ghandhom awtorità, min ihaddimni, shabi fuq ix-xoghol, il-girien tieghi**:  nahfrilhom meta ma qdewx dmirhom, meta fixkluni u ma ghenunix, meta ma rrispettawnix, meta ghaddewni biz-zmien, meta kienu dizonesti mieghi, meta kissruni.  Nahfrilhom minn qalbi. Berikhom b'imhabbtek.

Mulej, nahfer lil **hbiebi**, dawk li telquni, dawk li ttradewni, dawk li kkritikawni, sfruttawni u kissru t-tajjeb fija, dawk li abbuzaw minni. Nahfrilhom minn qalbi.   Berikhom Mulej.

Mulej Gesù, nitolbok tbierek lil dawk il-persuni li l-aktar offendewni. Nipprezentahomlok Mulej.  Taf kemm huwa difficli ghalija nahfrilhom.  Bl-ghajnuna tieghek, Mulej, issa rrid nahfrilhom minn qalbi.

Mulej, bl-ghajnuna tieghek, issa rrid nitlob mahfra jien  lil persuni kollha li ghalihom tlabt, il-ghaliex anke jien ma kontx kapaci nhobb, nifhem, nahfer, nghin.  Nitlobhom mahfra minn qalbi ghall-gudizzji, ghall-kritika, ghall-kalunnji, ghat-tradimenti tieghi.  Nitlob mahfra ghall-mumenti kollha li fihom offendejthom:  b'mod partikulari nitlob mahfra lil ommi, lil missieri, lir-ragel/lill-mara tieghi.  Mulej Gesù, aghtihom l-imhabba li jien ma kontx kapaci naghtihom.

Lilek issa nitlob mahfra:  mahfra ghax ma habbejtekx b'mohhi kollu, b'qalbi kollha, bis-sahha tieghi kollha u ghax ma habbejtx lill-proxxmu tieghi.

Nitolbok mahfra  ghall-egoizmu tieghi, ghan-nuqqas ta' gratitudni tieghi, talli ma uzajtx tajjeb id-doni li inti tajtni, ghar-rabta tieghi mal-gid materjali, talli zammejt lili nnifsi boghod minnek.  Nafda lili nnifsi lil imhabbtek u lill-hniena divina tieghek!

Grazzi Mulej, ghax int tixtieq il-ferh tieghi.

Grazzi talli qed tfejjaqni, tehlisni u qed iggeddidni b'imhabbtek.

Grazzi tal-qawwa tal-fejqan tieghek li bhalissa ghaddejja f'hajti.

Kompli sahhahni bl-Ispirtu Qaddis tieghek, biex idawwalni u jimlini b'imhabbtu matul hajti kollha. Amen.